MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 29/2012

**Moumin Trabule`**

**(Nru. ta` Immigrazzjoni : 06 X39)**

***kontra***

**Il-Ministru tal-Gustizzja, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikors kien guramentat. Kien prezentat fis-26 ta` April 2012. U jaqra hekk –

### *A. Dikjarazzjoni tal-Fatti*

*1. Illi l-esponenti huwa mill-Ivory Coast u kien gie Malta fit-tletin (30) ta` Gunju elfejn u sitta (2006) bhala asylum seeker.*

*2. Illi fl-24 ta` Awissu 2008 huwa gie arrestat in konnessjoni ma` allegazzjonijiet ta` stupru u tentattiv ta` stupru maghmula fil-konfront tieghu u ghalhekk ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).*

*3. Illi l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati fir-rigward ta` dawn l-akkuzi ntemmu kwazi tliet (3) snin wara, u cioe` fid-19 ta` Awissu 2011, wara li bis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali sabitu hati u kkundannatu ghal tmien (8) snin prigunerija.*

*4. Illi tul il-mori tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, l-esponenti nzamm taht arrest preventiv u qatt ma nghata l-helsien mill-arrest. Dan nonostante diversi talbiet biex huwa jinghata tali helsien, ta` aktar importanza anke wara illi l-limitu legali taz-zmien li seta` jinzamm taht arrest preventiv kien ghadda, ai termini tal-Artikolu 575(9)(iii) tal-Kodici Kriminali.*

*5. Illi l-esponenti ntavola appell kontra din is-sentenza hawn fuq imsemmija nhar il-wiehed u tletin (31) ta` Awissu elfejn u hdax (2011).*

*6. Illi peress illi l-esponenti kien ilu l-habs mill-elfejn u tmienja (2008) b`mod ininterrott, u kienu diga` ghaddew hames (5) xhur minn mindu kien prezenta r-rikors tal-appell, huwa prezenta applikazzjoni ghall-helsien mill-arrest preventiv fl-24 ta` Jannar 2012, sa liema gurnata kien ghad m`hemm assolutament l-ebda hjiel ta` meta kien ser jinstema` l-appell tieghu.*

*7. Illi r-rikors ghal-liberta` provvizorja surreferit kien gie appuntat ghas-smigh fl-ewwel (1) ta` Frar elfejn u tnax (2012), cioe` aktar minn gimgha wara li l-esponenti prezenta t-talba tieghu. Sal-1 ta` Frar 2012, l-appell tal-esponenti kien ghadu ma giex appuntat u dan nonostante l-fatt li huwa kien ghadu qieghed jinzamm il-habs u dan sa mill-elfejn u tmienja (2008).*

*8. Illi fis-smigh ghal-liberta` provvizorja tal-ewwel (1) ta` Frar elfejn u tnax (2012), l-argument ewlieni tal-esponenti kien, inter alia, illi huwa kien jinsab taht arrest illegali u dan ai termini tal-Artikolu 575(7) tal-Kodici Kriminali.*

*9. Illi cioe` nonostante, il-Qorti Kriminali (Sede Inferjuri) cahdet it-talba tal-esponenti, u dan a bazi, inter alia, ta` interpretazzjoni u applikazzjoni kompletament zbaljati tal-ligi, specjalment, l-applikazzjoni tal-Artikolu 575(1) illi lanqas biss huwa applikabbli fil-konfront tal-esponenti. Pero`, il-Qorti appuntat is-smigh tal-appell ghall-hmistax (15) ta` Frar tal-elfejn u tnax (2012), meta l-mertu tal-kawza kien ser jigi deciz mill-istess Imhallef illi kien iddecieda rigward l-applikazzjoni ghal-liberta` provvizorja tieghu.*

*10. Illi r-rikorrenti sofra vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal-liberta` hekk kif sancit fl-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni u dan peress illi d-detenzjoni kontinwata tieghu kienet illegali minhabba illi z-zmien stipulat fl-Artikolu 575(7) ghadda ferm qabel ma inghatat sentenza finali fil-konfront tar-rikorrenti. F`dan is-sens issir referenza ghas-sentenza ta` din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet* ***The Police vs Nelson Arias*** *datata 29 ta` Frar 2012, fejn din il-Qorti ddikjarat illi l-arrest tal-imputat f`dik il-kawza kien "**illegal and therefore unjustified**" [enfazi u sottolinear tal-esponenti] taking into account the longest period of time in which an arrested person can be kept in custody depending on the nature of the punishment tied to the offence with which the arrested person is charged." F`din il-kawza din l-Onorabbli Qorti kienet ukoll tal-opinjoni illi "[t]he nature of the charges... and the lack of any connection with Malta cannot be considered as a justification for the prolonged detention of an arrested person especially where, as in this case, there is no evidence to show that the arrested person was in any way a threat to justice being meted out having regard to the fundamental human rights of the arrested person. It is dangerous and unjust to treat criminal cases as mere problems which have to be solved by the relevant authorities whilst not giving due weight or at worst disregarding the dignity of the human being who is the subject of the proceedings being conducted against him."*

*11. Illi wahda mir-ragunijiet ghaliex l-esponenti qatt ma nghata liberta` provvizorja kienet il-fatt illi bhala persuna ta` nazzjonalita` barranija huwa ma kellux residenza fissa kif trid il-ligi u ghalhekk ma setax jinghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest preventiv. Dan, ai termini tal-gurisprudenza kostituzzjonali ricenti tal-Qrati nostrana, m`huwiex raguni valida sabiex imputat ma jinghatax helsien mill-arrest u jissarraf fi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-imputat. F`dan is-sens jigi sottolineat il-fatt ukoll li n-nuqqas li jigu ntrodotti mizuri ghall-moniteregg tal-moviment ta` persuni illi jigu moghtija l-liberta`*

*provvizorja, u dan in-nuqqas ammonta ghal lezjoni cara tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal-liberta`. Hawnhekk issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* ***Jovica Kalakovic vs Attorney General*** *fl-14 ta` Frar 2012, fejn intqal illi "this Court is reluctant to accept that the mere lack of material or proprietary connections in Malta of a person detained here under remand automatically translates into an a priori "blank cheque" justifying that person`s continued detention or denial of bail.* ***This attitude seems to run counter to the demands of lawful detention as understood under article 5 of the Convention generally.*** *[enfasi u sottolinear tal-esponenti] Nor does it seem to be borne out by the relative provisions of Maltese law which lays down alternative conditions for the granting of bail and which have been highlighted already. Nowhere in our local legislation nor even within the provisions of the Convention is it categorically laid down that the assets or effects which an arrested person offers to the domestic court as a guarantee for the granting of release on bail should be assets or effects which are already within that court`s jurisdiction."*

*12. Illi barra minn hekk tigi sottolineata wkoll id-decizjoni tal-Qorti ta` Strasbourg fl-ismijiet* ***Louled Massoud v. Malta*** *datata 27 ta` Lulju 2010, fejn dik l-Onorabbli Qorti qalet illi "[n]or should the authorities inability to adequately monitor movements into and out of Malta be shifted as a burden of denial or release from detention on a person accused of an offence, particularly if such a person is of foreign nationality."*

*13. Illi fid-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali fejn giet michuda t-talba ghal-liberta` provvizorja huwa evidenti n-nuqqas tal-Qorti li tikkonsidra l-fatt li l-arrest tar-rikorrenti kien illegali. Pero` r-rikorrenti ma kellu l-ebda mod kif ikollu review tal-illegalita` tal-arrest tieghu hekk kif inhuwa d-dritt tieghu taht l-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan peress illi tali proceduri li jissodisfaw il-kriterju ta` dan l-Artikolu ma jezistix. Dan kif gie dikjarat mill-Qorti Ewropea fis-sentenzi moghtija kontra Malta stess fl-ismijiet* ***Kadem vs Malta*** *(Application No. 55263/00, 2003) u* ***Sabeur Ben Ali v Malta*** *(Application No. 35892/97, 2000). Issir referenza wkoll ghal fatt illi fil-kawza Sabeur Ben Ali v Malta, il-Gvern ta` Malta stess qabel illi "****applicant could not have obtained a review of the lawfulness of his detention by lodging a bail application, the question of bail coming into play only when the***

***__detention was unlawful__**. [enfasi u sottolinear tal-esponenti]". F`dawn il-kawzi l-Qorti Ewropea sabet illi r-rimedju kostituzzjonali ma kienx bizzejjed biex jiggarantixxi d-drittijiet tar-rikorrenti taht l-Artikolu 5(4), liema pozizzjoni giet konfermata fil-kawza fl-ismijiet **Stephens v. Malta** (Application No. 33740/06, 2009), fejn intqal illi "[i]t notes in this connection that in its judgements in Sabeur Ben Ali and Kadem (both cited above) the Court found that lodging a constitutional application would not have ensured a speedy review of the lawfulness of an applicant`s detention for the purposes of Article 5(4) of the Convention. The Court`s present judgment should not be seen as casting doubt on that finding."*

*14. Illi mhux talli r-rikorrenti ma setax ikollu review tal-arrest tieghu li tissodisfa l-kriterji tal-Artikolu 5(4), izda talli lanqas biss seta` jappella mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li cahdet it-talba tieghu. Il-fatt li ma setax jappella din id-decizjoni minnu nnifsu jammonta ghal-lezjoni tad-drittijiet tieghu taht l-Artikolu 5, u dan skont is-sentenza ta` dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Axisa Conrad vs. L-Avukat Generali et**, deciza fl-20 ta` April 2012.*

*15. Illi d-dritt tar-rikorrenti ghal-liberta` gie vjolat anke minhabba nuqqas ta` due diligence mill-intimati. Dan l-ewwel nett minhabba n-nuqqas li jittiehdu dawk il-mizuri kollha necessarji ghas-salvagwardja ta` tali dritt, anke jekk kemm il-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll il-Qorti Ewropea kemm-il darba sabu lezjoni tad-drittijiet fundamentali minhabba nuqqasijiet fil-ligijiet nostrana, nuqqasijiet li ghadhom sa issa ma gewx indirizzati. Fit-tieni lok, u b`mod specjali pero` minhabba nuqqasijiet fil-ligijiet nostrana, nuqqasijiet li ghadhom sa issa ma gewx indirizzati. Fit-tieni lok, u b`mod specjali pero` minhabba n-nuqqas da parti tal-Qorti tal-Appell Kriminali illi tapplika l-ligi b`mod korrett, u li njorat u skartat kompletament is-sottomissjoni tar-rikorrenti li l-arrest tieghu kien illegali, u sopra corna bastonate applikat artikolu li assolutament ma kienx japplika fil-konfront tar-rikorrenti bhala bazi biex tigi michuda t-talba tieghu ghal-liberta` provvizorja.*

*16. Illi parti essenzjali mid-dritt fundamentali ghal smigh xieraq fi proceduri kriminali, huwa d-dritt tal-imputat li jigi prezunt innocenti sal-gurnata ta` meta jkun hemm fil-konfront tieghu decizjoni finali li tikkundannah.*

*17. Illi l-esponenti umilment jissottometti illi l-Imhallef illi ddecieda r-rikors ghal-liberta` provvizorja tieghu ma kellux ukoll jiddeciedi dwar il-mertu tal-kaz. Id-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali fejn giet michuda t-talba tal-esponenti (anness u mmarkat bhala Dok. MT1), bi vjolazzjoni cara tad-dritt tieghu ghal-liberta`, jindika li l-Imhallef sedenti kien diga` fforma opinjoni fuq l-esponenti u ghalhekk meta gie biex jiddeciedi fuq il-mertu tal-kawza saret lezjoni tad-dritt tal-esponenti ghal smigh xieraq hekk kif garantit taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Umani, specjalment tad-dritt tieghu li l-kaz jinstema` minn Qorti imparzjali u d-dritt tieghu li jigi prezunt innocenti.*

*18. Illi dan imur kontra r-rekwizit ta` imparzjalita` oggettiva, hekk kif definit mill-Qorti ta` Strasbourg fis-sentenza fl-ismijiet* ***Daktaras vs Lithuania****, u cioe` illi l-Qorti jew Tribunal in kwistjoni "... must offer guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect." F`dan is-sens issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet* ***De Cubber vs Belgium*** *(Application No. 9186/80, Judgement of 26 October 1984), fejn intqal illi "[t]he Court recalls that* ***the Contracting States are under the obligation to organise their legal systems "so as to ensure compliance with the requirements of Article 6 para. 1 (art. 6-1);*** *[enfasi u sottolinear tal-esponenti] impartiality is unquestionably one of the foremost of those requirements." (Vide wkoll f`dan is-sens id-decizjoni ta` Guincho, 10 July 1984, Series A no. 81, p. 16, para. 38).*

*19. Illi fir-rigward tar-rekwizit tal-imparzjalita` tal-gudikatura, il-Qorti Ewropea tirrikjedi illi din l-imparzjalita` tkun hemm soggettiva kif ukoll oggettiva. Fis-sentenza* ***Incal vs. Turkey****, il-Qorti rrilevat illi "[a]s to the condition of impartiality, [t]here are two tests to be applied : the first consists in trying to determine the personal conviction of a particular judge in a given case and the second in ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect." (Reports 1998 – IV, 1547, (2000)*

*29EHRR 449, para. 65). Kemm il-Kummissjoni Ewropea kif ukoll l-ECHR qalu ripettutivament illi involviment f`decizjonijiet pre trial mhux talli jammonta ghal nuqqas ta` imparzjalita` izda talli dan l-involviment huwa inkompatibbli tar-rekwizit ta` imparzjalita` oggettiva (Vide per ezempju **Ben Yaacoub v Belgium**, Application 9976/82, Series A, No. 127 – A, (1991) 13 EHHR 418, para. 108.). Fir-rigward ta` decizjonijiet rigwardanti liberta` provvizorja, isir ezami tal-elementi li wasslu lill-Imhallef sedenti ghad-decizjoni tieghu sabiex jigi stabbilit jekk hemmx xi dubbju ragonevoli rigward l-imparzjalita` tal-istess Imhallef meta gie biex jiddeciedi fuq il-mertu. Fil-kaz in kwistjoni, fid-digriet li bih giet michuda t-talba ghal-liberta` provizorja tar-rikorrenti, l-Imhallef mhux talli ha in konsiderazzjoni "t-theddida tieghu lejn is-socjeta` li ghandha dritt tkun protetta mir-reati li taghhom **jinsab hati**" izda anke qal illi 'l-Qorti jidhrilha li darba mehlus hemm possibilita` kbira li r-rikorrenti **jerga` jikkometti xi reat iehor**." Jigifieri mhux talli r-rikorrenti ma kienx prezunt innocenti, izda talli kwazi tista` tghid illi kien prezunt hati minn qabel mal-Imhallef gie biex jikkonsidra l-mertu tal-kawza.*

*20. Illi ma tistax ma ssirx referenza wkoll ghal mod dispreggativ kif l-esponenti kien jigi riferit ghalih tul il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u cioe` bi kliem bhal 'dak l-iswed' (bl-Ingliz 'that nigger') u kummenti assolutament irrevelanti bhal 'ghax dak razza ohra' u 'ghax dawk kollha wicc wiehed'. Dan mhux biss mix-xhieda tal-prosekuzzjoni izda anke mill-ufficjal prosekutur. Bl-akbar rispett jigi premess illi l-Qorti kellha tirregola l-atteggjament tax-xhieda fil-konfront tal-esponenti u trazzan tali lingwagg, haga li qatt ma saret mill-Qorti u li tqajjem dubbji serji fuq kemm l-esponenti verament giet trattat b`mod imparzjali.*

***B. Talbiet tar-rikorrenti***

*Ghaldaqstant jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara illi d-detenzjoni kontinwata tal-esponenti kienet leziva tad-dritt tieghu ghal-liberta` hekk kif sancit fl-Artikolu 5(1) u 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u tordna lill-intimati jhallsu kumpens finanzjarju xieraq ghaz-zmien illi l-esponenti qatta` l-habs b`mod leziv ghad-drittijiet fundamentali tieghu.*

*2. Tiddikjara illi gew lezi d-drittijiet tal-esponenti hekk kif sanciti fl-Artikolu 6(1), 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u taghti dawk ir-rimedji xierqa u opportuni sabiex l-esponenti jigi ri-integrat fil-harsien tad-drittijiet tal-bniedem tieghu, fosthom l-annullament tas-sentenzi msemmija, jew liema minnhom.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrent.

Rat id-digriet tal-1 ta` Frar 2012 moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Mumen Traore sive` Trabule`* fejn kienet michuda it-talba tar-rikorrent ghall-helsien mill-arrest.

Rat ir-risposta prezentata fit-23 ta` Mejju 2012 li taqra hekk –

*Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrent qed jallega li d-detenzjoni kontinwata tieghu in vista tal-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Carlo Ellul u Spettur Raymond Aquilina) vs. Mumen Traore sive Mumin Trabule" hija*

*llegali u ghaldaqstant leziva tad-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-Artikolu 5(1) u 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem ;*

*Illi inoltre qed jallega illi l-Qorti f`dawk il-proceduri ma kinitx imparzjali u d-dritt tieghu li jigi prezunt innocenti ma giex imhares u dan bi ksur ta` l-Artikolu 6(1) u 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ;*

*Illi fl-ewwel lok u* ***in linea preliminari*** *l-esponenti jitolbu umilment illi jigu allegati l-atti relevanti ghall-finijiet biss tal-kawza odjerna, mill-proceduri kriminali kontra r-rikorrent fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Carlo Ellul u Spettur Raymond Aquilina) vs. Mumen Traore sive Mumin Trabule", liema proceduri gew konkluzi fil-15 ta` Marzu 2012 permezz ta` sentenza mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali.*

*Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti :*

***Dwar il-Fatti***

*Illi mill-atti tal-proceduri fuq riferiti jirrizulta li :*

*Illi fl-24 ta` Awissu 2008, gie arrestat in konnessjoni ma` allegazzjonijiet ta` stupru u attentati ta` stupru ;*

*Illi f`wiehed mill-kazijiet, u cioe` dak ta` l-24 ta` Awissu 2008, ir-rikorrent inqabad in flagrante jikkommetti r-reat;*

*Illi r-reati li bihom qed jigi akkuzat ir-rikorrent kienu jgorru piena ta` bejn tliet snin u disa` snin habs ;*

*Illi r-rikorrent ghamel l-ewwel u l-unika talba ghall-helsien mill-arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati meta kien ilu arrestat ghaxar xhur (a fol. 166 tal-process kriminali) ;*

*Illi l-Avukat Generali kien oppona ghal tali helsien stante li (i) ir-rikorrent kien mixli b`reati serjissimi kontra persuni differenti fi zminijiet u cirkostanzi differenti minn xulxin, (ii) ir-rikorrent kellu karattru refrettarju u inaffidabbli u (iii) kien ghad fadal xhieda pajzana x`jinstemghu u kien hemm ghalhekk biza` ta` ntralc ta` provi (a fol. 169 tal-process kriminali) ;*

*Illi ghar-ragunijiet moghtija mill-Avukat Generali l-Qorti tal-Magistrati cahdet it-talba ghall-helsien mill-arrest tar-rikorrent odjern ;*

*Illi l-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati nqatghet fid-19 ta` Awissu 2011 fejn il-Qorti sabet lir-rikorrent odjern hati li kkommetta stupru u tliet tentattivi ta` stupru fuq erba` nisa differenti f`perjodu ta` cirka hames xhur u kkundannatu tmien snin habs ;*

*Illi r-rikorrent appella minn dik is-sentenza u pendenti s-smigh tal-appell quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali, ir-rikorrent ghamel it-tieni u l-ahhar talba ghall-helsien mill-arrest fl-24 ta` Jannar 2012 ;*

*Illi l-Avukat Generali oppona ghat-talba tar-rikorrent stante li (i) ir-rikorrent odjern kien f`dak l-istadju nstab hati ta` stupru u tliet tentattivi ta` stupru fuq erba` nisa differenti (ii) bis-sejbien ta` htija rrizulta ghalhekk li Trabulé huwa stupratur serjali u ta` perikolu ghas-socjeta`, (iii) f`wiehed minn dawn il-kazijiet ir-rikorrent inqabad in flagrante u f`kaz iehor sahansitra ntuza turnavit biex jhedded lil mara in kwistjoni u jkun jista` jistupraha, (iv) gie hawn Malta b`mod illegali u jidher li ftit ghandu xewqa li jibqa` Malta stante li hu stess stqarr li jrid jitlaq lejn l-Italja, (v) m`ghandux indirizz fiss u (vi) m`ghandux rabtiet ma` Malta ;*

*Illi l-Qorti appuntat ir-rikors ghall-1 ta` Frar 2012, fejn f`dik il-gurnata semghet kemm lid-difiza u kemm lill-Avukat Generali u ddecidiet illi r-rikorrent m`ghandux jinghata l-helsien mill-arrest. Il-Qorti ta` l-Appell Kriminali qalet li ghalkemm tifhem u tapprezza l-insenjament tal-Qorti Ewropea, xorta wahda ma tistax twarrab is-serjeta` tar-reati addebitati lilu, it-theddida tieghu lejn is-socjeta` u l-fatt li jekk jigi mehlus hemm cans kbir li jerga` jikkommetti reat iehor. Inoltre l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li Trabulé ma kellux indirizz fiss u ma weriex dak l-affidament li kienet tehtieg dik l-istess Qorti sabiex tassigura li r-rikorrent kien se jidher kull meta jkun imsejjah (a fol. 300 tal-process kriminali) ;*

*Illi ghalhekk il-Qorti l-Appell Kriminali cahdet it-talba tar-rikorrent ghal-liberta` provizorja pero` ordnat illi l-appell tieghu kellu jinstema` fil-15 ta` Frar 2012 ;*

*Illi b`sentenza datata 15 ta` Marzu 2012, il-Qorti ta` l-Appell cahdet l-appell ta` Trabulé fil-mertu u kkonfermat is-sentenza appellata ;*

*Illi r-rikorrent fetah il-proceduri odjerni wara li l-kawza kriminali kontra r-rikorrent saret res judicata u cioe` fit-23 ta` April 2012 ;*

***<u>Ebda ksur ta` l-Artikolu 5(1)</u>***

*Illi l-Artikolu 5(1) jibda billi jistipula hekk :*

*"Kulhadd ghandu dritt ghal-liberta` u s-sigurta` tal-persuna."*

*Illi l-esponenti jibdew billi jeccepixxu li d-dritt ta` individwu ghall-helsien mill-arrest mhuwiex wiehed assolut. L-ewwel dritt li l-Qrati huma obbligati li jipprotegu huwa l-hajja, il-liberta` u s-sigurta` tac-cittadini Maltin, inkluz il-vittmi, u allura l-Qrati meta jkunu qed jiddeliberaw dwar talba ghal helsien mill-arrest iridu jilhqu bilanc bejn dawn iz-zewg drittijiet.*

*Illi kif diga` gie spjegat aktar 'il fuq fil-kaz odjern ir-rikorrent ghamel rikorsi ghall-helsien mill-arrest darbtejn biss u cioe` darba quddiem il-Qorti tal-Magistrati wara li kien ilu 10 xhur taht arrest preventiv u darba quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali meta kien diga` hemm fil-konfront tieghu sentenza ta` htija b`piena karcerarja moghtija mill-Qorti tal-Magistrati.*

*Illi l-esponenti jirrilevaw li ai termini ta` l-Artikolu 582 tal-Kap. 9 il-Qorti ma tistax ex officio taghti l-helsien mill-arrest taht garanzija, meta dan il-helsien ma jitolbux l-imputat jew l-akkuzat.*

*Ghalhekk huwa nkoncepibbli kif ir-rikorrent, wara li kien skada t-terminu ta` tnax-il xahar indikat fl-Artikolu 575(9) (iii) ma ressaq ebda talba ghal helsien mill-arrest tieghu quddiem il-Qrati hlief sa wara li nghatat sentenza kontrih mill-Qorti tal-Magistrati u issa qed jippretendi li nkisrulu d-drittijiet fundamentali tieghu b`effett retroattiv.*

*Illi dwar ir-rikors li sar quddiem il-Qorti tal-Magistrati jinghad li din kellha ragunijiet relevanti u sufficjenti ghalfejn cahdet it-talba tar-rikorrent u dwar dan ma jidhirx li hemm kontestazzjoni mir-rikorrent ghax l-ilment tieghu ma jirrizultax li qieghed jattakka d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati f`dak l-istadju partikolari.*

*Illi jekk meta r-rikorrent dehrlu li kellu jitlob il-helsien mill-arrest it-tieni darba kienet diga` lahqet inghatat sentenza fil-konfront tieghu zgur ma jistax issa jippretendi li l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha tinjora l-impatt tar-reati serji addebitati lilu quddiem l-Ewwel Qorti meta giet biex tiddelibera ghal fini biss ta` affidabilita` tieghu fil-kuntest ta` helsien mill-arrest <u>f`dak l-istadju tal-kawza</u> a tenur tal-Artikolu 575(1) tal-Kap. 9.*

*Illi r-rikorrent qed jallega li l-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet it-talba tar-rikorrent a bazi ta` interpetazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi u dan ghaliex skond hu l-Qorti messha applikat l-Artikolu 575(7) liema artikolu jistipula l-massimu ta` kemm persuna tista` tinzamm taht arrest preventiv. Minhabba f`hekk skont ir-rikorrent id-detenzjoni tieghu kienet saret illegali ghax eccediet it-termini tal-Artikolu 575(7) tal-Kap. 9 u huwa kien qed isofri*

*vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal-liberta` a tenur tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Illi l-esponenti pero` jeccepixxu fl-ewwel lok li l-Qorti ta` l-Appell Kriminali mhux talli tat interpretazzjoni tajba tal-ligi izda talli qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz fl-assjem kollu taghhom, semghet lill-partijiet u mbaghad waslet biex hadet id-decizjoni taghha.*

*Illi inoltre l-esponenti jirritjenu li l-Artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea jistipula hekk :*

*"No one shall be deprived of his liberty save in the following cases and in accordance with a procedure prescribed by law:*

*(a) the lawful detention of a person after conviction by a competent court"*

*Illi ghalhekk f`dak l-istadju tal-appell fil-konfront tar-rikorrent diga` kien hemm 'a conviction by a competent court. L-awturi Harris O'Boyle and Warbrick fil-ktieb taghhom '**Law of the European Convention on Human Rights**' (Oxford University Press, Second Edition) jghidu hekk a fol. 138 :*

*"**A 'conviction' is a conviction by a trial court, so detention pending appeal is justified by reference to Article 5(1)(a).**"*

*Illi ghaldaqstant ir-rikorrent ma jista` qatt jallega li l-Qorti ta` l-Appell Kriminali kisritlu dritt fundament tieghu garantit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.*

*Inoltre u fi kwalunkwe kaz, il-perjodu li huwa ghamel taht arrest preventiv matul il-proceduri kollha partikolarment wara t-tnax-il xahar ser jigi mnaqqas mill-perjodu ta` piena ta` habs li huwa jrid jiskonta u dan a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk mhux biss mhemm ebda ksur ta` drittijiet fundamentali tar-rikorrent imma lanqas se jsofri xi pregudizzju f`dan is-sens.*

*Illi ghalkemm ir-rikorrent qed jikkontesta biss il-legalita` ta` l-arrest u mhux il-motivazzjoni li biha l-Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet taghha, l-esponenti xorta wahda jirrelevaw illi l-Qorti ta` l-Appell Kriminali qieset ic-cirkostanzi kollha u pruvat tara jekk ir-rikorrent kienx kapaci jaderixxi ruhu ma` dak li jghid u jrid l-Artikolu 575 tal-Kap. 9.*

*Illi avolja kien hemm sentenza ta` htija fil-konfront tar-rikorrent, il-Qorti ta` l-Appell Kriminali xorta setghet taghtih il-helsien mill-arrest jekk fil-fehma taghha kien kapaci jaderixxi ruhu ma` dak **kollu** li jghid u jrid l-Artikolu 575(1) tal-Kap. 9.*

*Pero` meta l-Qorti rat il-gravita` tal-kaz, il-biza` li r-rikorrent iwettaq xi reat iehor minhabba li r-rikorrent kien akkuzat b`erba` reati relatati ma` stupru f`temp ta` sitt xhur, il-fatt li nqabad in flagrante u flimkien ma` dan kollu riedet tara li s-sigurta` tas-socjeta` tkun imharsa, il-Qorti ddecidiet li tichad it-talba ghall-helsien mill-arrest u dan ghamlitu skont il-ligi kif gie spjegat hawn fuq.*

*Illi r-rikorrent, biex jipprova jissostanzja l-argumenti tieghu, ghamel referenza ghal tliet kazijiet li fihom kienu nvoluti tliet persuni li bhar-rikorrent*

*huma ta` nazzjonalita` barranija u cioe` Pulizija vs. Arias Nelson, Jovika Kolakovic vs. AG u Louled Massoud vs. Malta.*

*Illi l-esponenti jsostnu illi l-fattispecie tal-kaz odjern huma ferm differenti minn dawk li kkwota r-rikorrent. Il-fatt li t-tliet sentenzi kwotati mir-rikorrent kienu jirrigwardaw persuni ta` nazzjonalita` barranija ma jfissirx li wiehed jista` jpoggihom f`keffa wahda. Il-Qorti trid tara u tqis ic-cirkostanzi specjali tal-kaz. Dan gie ritenut kemm-il darba mill-Qorti ta` Strasburgu. (vide Bak v Poland [Applikazzjoni Numru 7870/04] deciz fis-16 ta` Jannar 2007)*

*Illi fil-kaz ta` Arias Nelson, li del resto jinsab fi stadju ta` appell, Nelson kien qed jallega ksur ta` l-Artikolu 5(3) u mhux 5(1) u 5(4) bhar-rikorrent. Inoltre fil-kaz ta` Nelson ma kienx hemm sentenza ta` htija fil-konfront tieghu, anzi l-proceduri ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati.*

*Illi anke l-kaz ta` Jovica Kolakovic huwa differenti mill-kaz odjern u dan ghaliex ma kienx hemm sentenza ta` htija kontra Kolakovic u inoltre dan kien almenu ghamel diversi attentati sabiex jikseb il-helsien mill-arrest ghall-kuntrarju tar-rikorrent. Inoltre f`dak il-kaz, il-Qorti sabet ksur ta` l-Artikolu 5(3) u 5(4) pero` l-ebda ksur ta` l-Artikolu 5(1).*

*Illi l-kaz ta` Louled Massoud huwa wkoll differenti hafna mill-kaz odjern u dan ghaliex Louled Massoud kien rega` gie detenzjonat ghal 18-il xahar wara li kien diga` skonta s-sentenza tieghu l-habs.*

***<u>Ebda ksur ta` l-Artikolu 5(4)</u>***

*Illi l-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni jistipula hekk :*

*"Everyone who is deprived of his liberty by arrest or detention shall be entitled to take proceedings by which the lawfulness of his detention shall be decided speedily by a court and his release ordered if the detention is now lawful."*

*Illi f`dan ir-rigward ir-rikorrent qed jallega li quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali, hu ma kellu ebda mod kif ikollu review ta` l-illegalita` ta` l-arrest tieghu hekk kif jistipula l-Artikolu 5(4) ;*

*Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet tal-esponenti aktar 'il fuq u cioe` li d-detenzjoni tar-rikorrent ma kienx illegali u dan kif gie spjegat aktar 'il fuq l-esponenti jirrilevaw li l-Qorti ta` l-Appell Kriminali ghall-kuntrarju ta` dak li qed jallega r-rikorrent ghandha s-setgha taghmel review ta` allegat arrest illegali;*

*Illi biex jissostanzja l-argument tieghu, ir-rikorrent jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea u cioe` Kadem vs. Malta (Applikazzjoni nru. 5263/00, deciza 9 ta` Jannar 2003), Sabeur Ben Ali vs. Malta (Applikazzjoni nru. 35892/97, deciza 29 ta` Gunju 2000) u Stephens vs. Malta (no. 2) (Applikazzjoni nru. 33740/06, deciza 21 ta` April 2009) ;*

*Illi l-esponenti jirrilevaw illi fil-kaz ta` Kadem, l-applikant kien qed jilmenta mill-fatt illi 'the court at issue could not order his release until a decision on his extradition had been adopted.' Dan huwa ferm differenti mill-kaz odjern ghaliex fil-kaz odjern m`hemm l-ebda extradition proceedings u l-Qorti ma kienet marbuta tistenna lil hadd sabiex taghmel review ta` l-arrest.*

*Illi l-kaz ta` Sabeur Ben Ali, huwa kaz antik, kaz li gie quddiem il-Qorti Maltija tal-Magistrati fl-1995 u li gie deciz mill-Qorti Ewropea fl-2000. L-esponenti jirrimarkaw illi minn dakinhar 'l hawn anke in vista ta` kazijiet ohra simili lahqu saru diversi emendi fil-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta, liema emendi gew sussegwentement rikonoxxuti mill-Qorti Ewropea stess fis-sentenza Stephens vs. Malta (no. 2) kwotata mir-rikorrent stess. Illi f`din is-sentenza l-Qorti ma sabet l-ebda ksur ta` l-Artikolu 5(4). Il-Qorti kienet qalet hekk fir-rigward tal-ligi Maltija :*

*"As far as the general review made by the Court of Magistrates as a Court of Criminal Inquiry in concerned, it appears that following the Aquilina and T.W. judgements (cited above), this court now has the power to examine all the issues related to the lawfulness of a deprivation of liberty, and must take into account the various circumstances militating for or against detention and to order release if there are no such reasons."*

*Illi r-rikorrent allega wkoll li l-fatt li ma setax jappella mid-decizjoni tal-Qorti ta` l-Appell li cahditlu t-talba ghall-helsien mill-arrest, ukoll illedilu d-dritt tieghu garantit bl-Artikolu 5(4) u f`dan ir-rigward ikkwota s-sentenza Axisa Conrad vs. l-Avukat Generali et (deciza fl-20 ta` April 2012) ;*

*Illi ghall-kuntrarju l-esponenti jirrilevaw li r-rikorrent seta` ghamel rikorsi ghall-helsien kemm-il darba ried u ghaldaqstant ir-rikorrent ma kien pregudikat bl-ebda mod. Illi dan il-punt diga` gie trattat mill-Qorti Ewropea fis-sentenza Stephens vs. Malta (no. 1) (Applikazzjoni nru. 11956/07, deciza fil-21 ta` April 2009) fejn il-Qorti kienet qalet hekk :*

*"The Court considers that in substance* ***there is no difference between a determination on the applicant`s unlawful detention <u>by means of a fresh application and the same determination as a result of an appeal lodged by the prosecution.</u>*** *Indeed,* ***it appears that a fresh application is no less than an appeal."***

*Illi a bazi ta` dan ir-ragunament il-Qorti Ewropea ma kinitx sabet ksur ta` l-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni ;*

*Illi fir-rigward tas-sentenza ta` Conrad Axisa, din ghadha fi stadju ta` appell a kuntrarju tas-sentenza ta` Stephens vs. Malta (no. 1) li bla dubbju hija res judicata.*

***Ebda ksur ta` l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u ta` l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni***

*Illi fir-rigward ta` l-Artikolu 6(1) ir-rikorrent ilmenta mill-fatt li l-istess Imhallef iddecieda l-applikazzjoni tieghu ghall-helsien mill-arrest, kif ukoll iddecieda l-mertu tal-kawza fil-konfront tieghu. Illi ghaldaqstant huwa allega li l-gudikant ma kienx wiehed imparzjali hekk kif jitlob l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ;*

*Illi l-esponenti jsostnu illi l-Qorti kienet wahda imparzjali u m`hemm xejn x`jindika bil-kontra. Il-fatt li l-Qorti ddecidiet kemm it-talba ghall-helsien mill-arrest kif ukoll iddecidiet il-mertu tal-kawza ma jfissirx allura li l-Qorti b`xi mod jew iehor hija parzjali ;*

*Illi z-zewg kwistjonijiet huma differenti minn xulxin u l-Qorti tibbaza d-decizjoni taghha fuq kriterji totalment differenti meta tiddeciedi talba ghall-helsien mill-arrest u meta tiddeciedi mertu ta` kawza. Illi l-helsien mill-arrest*

*ma jinghatax ghax il-Qorti tahseb li l-akkuzat huwa x`aktarx innocenti u lanqas jigi michud ghax il-Qorti tkun diga` ffurmat xi opinjoni li huwa hati, izda ghax il-Qorti tkun tal-fehma li kapaci jaderixxi ruhu mal-Artikolu 575 tal-Kap. 9. Il-fatt li l-Qorti tikkoncedi l-helsien mill-arrest jew le bl-ebda mod ma jimpingi fuq kif il-Qorti se tiddeciedi fuq il-htija o meno ta` akkuzat ;*

*Illi simili jekk mhux identiku ghal dan il-kaz huwa l-kaz* ***Jasinki vs. Poland*** *(Applikazzjoni nru. 30865/96, deciz fl-20 ta` Dicembru 2005) fejn l-applikant allega "he had not had his case heard by an "impartial tribunal" because the judge presiding over his trial had on many occasions dealt with his applications for release and had formed a preconceived view on his future conviction and sentence." u dan b`allegat ksur ta` l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ;*

*Illi l-Qorti Ewropea f`dan il-kaz kienet iddecidiet li ma kien hemm l-ebda ksur ta` l-Artikolu 6(1) u qalet hekk f`para. 55 :*

*"the questions which the judge has to answer when taking decisions on continuing detention are* ***not the same*** *as those which are decisive for his final judgment. When taking a decision on detention on remand and other pre-trial decisions of this kind the judge summarily assesses the available data in order to ascertain whether there are prima facie grounds for the suspicion against an accused of having committed an offence ; when giving judgment at the conclusion of the trial he must assess whether the evidence that has been produced and debated in court suffices for finding the accused guilty. Suspicion and formal finding of guilt are not to be treated as being the same."*

***Ebda ksur ta` l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea u ta` l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni***

*Illi r-rikorrent allega wkoll li quddiem il-Qorti ta` l-Appell ma kienx prezunt innocenti izda kien prezunt hati minn qabel ma` l-Imhallef gie biex jikkonsidra l-mertu tal-kaz, u dan ghaliex l-Imhallef fid-digriet ghac-cahda ghall-helsien mill-arrest qal hekk :*

*"t-theddida tieghu lejn is-socjeta` li ghandha dritt tkun protetta mir-reati li taghhom jinsab hati" izda anke illi "l-Qorti jidhrilha li la darba mehlus hemm il-possibilita` kbira li r-rikorrent jerga` jikkometti xi reat iehor."*

*Illi l-esponenti jsostnu li meta l-Qorti ta` l-Appell uzat il-kelma "hati", hija kienet evidentement qed tirreferi ghall-htija misjuba mill-Ewwel Qorti u mhux il-konvinzjoni tal-gudikant fil-Qorti ta` l-Appell li r-rikorrent kien hati. Bhala stat ta` fatt il-Qorti ta` l-Appell Kriminali kellha quddiemha persuna misjuba hatja minn Qorti tal-Prim`Istanza pero` dan b`ebda mod ma jista` jimplika xi konvinzjoni personali ta` l-Imhallef sedenti fil-Qorti ta` l-Appell stante li meta eventwalment ta s-sentenza ta` l-Appell tal-15 ta` Marzu 2012, huwa mmotiva bizzejjed ir-ragunament tieghu li wasslu biex jasal ghall-istess konkluzjoni ta` htija bhalma waslet ghaliha l-ewwel Qorti ;*

*Illi dwar il-possibilita` li jikkometti reat iehor, il-Qorti kienet qed taghmel dak li hija mitluba li taghmel ai termini ta` l-Artikolu 575 tal-Kap. 9. Meta tiddeciedi fuq il-mertu l-Qorti ma tqisx dak li jista` jaghmel ir-rikorrent fil-futur izda tqis jekk il-provi li ghandha quddiemha jwasslux biex jippruvaw fil-grad ta` certezza mitlub mil-ligi u cioe` dak ta` minghajr l-ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija o meno ta` l-imputat.*

***Dwar l-allegazzjoni tal-mod dispreggattiv li bih gie riferit ir-rikorrent***

*Illi r-rikorrent allega li x-xhieda tal-prosekuzzjoni u anke l-ufficjal prosekutur rriferew ghar-rikorrent b`mod dispreggattiv fejn fil-konfront tieghu uzaw kliem bhal 'dak l-iswed', 'ghax dak razza ohra' u 'ghax dawk kollha wicc wiehed'.*

*Illi l-esponenti kategorikament jichdu dawn l-allegazzjonijiet bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi pero` u bla pregudizzju ghas-suespost dwar l-allegazzjonijiet ta` rimarki razzisti mill-ufficjal prosekutur fil-prezenza tal-Magistrat, l-esponenti jirrilevaw illi din hija allegazzjoni ta` malafama kontra ufficjal pubbliku u ghalhekk l-esponenti jesigu li din jew tigi rtirata jew pruvata, altrimenti jirriservaw id-dritt li jiehdu dawk il-passi kollha permessi mil-ligi sabiex jipprotegu r-reputazzjoni professjonali ta` l-istess ufficjal pubbliku.*

*Illi inoltre in kwantu din l-allegazzjoni qed issir ukoll fil-konfront tal-Magistrat sedenti, din qed tinsinwa bl-aktar mod serju li l-Qorti ma qdietx id-doveri taghha li tikkontrolla lill-prosekuzzjoni u lix-xhieda ghax ma ddixiplinathomx u fir-rigward tal-prosekuzzjoni lanqas irrapurtathom lill-Kummissarju tal-Pulizija u ghal darb`ohra r-rikorrent jew ghandu jirtira jew jipprova b`mod konkret li l-procedura kif tmexxiet quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienet wahda li tirrifletti nuqqas lampanti ta` mparzjalita` altrimenti r-rikorrent qieghed jesponi ruhu ghal proceduri kriminali dwar malafama ta` ufficjal tal-Qorti.*

*Illi bla pregudizzju ghas-suespost, dak li qal ir-rikorrent f`dan ir-rigward bl-ebda mod ma jimpingi fuq l-allegat ksur ta` l-Artikolu 5(1), 5(4), 6(1) u 6(2) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

***Rimedju***

*Illi minghajr pregudizzju ghall-fatt li fl-umli fehma tal-esponenti ma hemm ebda ksur ta` drittijiet fundamentali tar-rikorrent fil-kaz odjern, ghalkemm din l-Onorabbli Qorti tista` taghti kull rimedju li jidhrilha xieraq, madankollu ma jridx jintesa li l-iskop tad-disposizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jigu stabbiliti standards u s-sejbien ta` vjolazzjoni ta` dawn l-istandards hija r-rimedju ewlieni.*

*Illi dejjem minghajr pregudizzju ssir ukoll referenza ghall-kawza fl-ismijiet '**Major Peter Manduca vs. L-Onorevoli Prim`Ministru**' (deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta` Jannar 1995) fejn gie osservat illi :*

*"Il-Qorti rat ukoll decizjonijiet tal-Qorti Ewropea. Hemm kazijiet fejn il-Qorti dehrilha li kien sufficjenti ghar-rikorrenti illi jkollu dikjarazzjoni li d-drittijiet tieghu kienu verament gew lezi. Hawn ir-rikorrent kellu vindikazzjoni ta` l-allegazzjoni tieghu (just satisfaction) pero` ma giex akkordat kumpens materjali."*

*Illi fi kwalunkwe kaz, jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li hemm ksur ta` l-Artikolu 5(1) u 5(4) tal-Konvenzjoni, m`ghandha taghti l-ebda rimedju hlief dikjarazzjoni f`dan is-sens stante li l-kaz kriminali kontra r-rikorrent huwa issa wiehed res judicata u r-rikorrent qed jiskonta s-sentenza moghtija lilu u cioe` dik ta` tmien snin prigunerija. Ovvjament iz-zmien li dam arrestat qabel ma gew decizi l-proceduri kriminali kontrih gew imnaqqsa minn dawk it-tmien snin u ghaldaqstant fi kwalunkwe kaz fl-umli fehma ta` l-esponenti r-rikorrent ma sofra l-ebda pregudizzju kif intqal aktar qabel.*

*Illi l-esponenti jaghmlu referenza ghall-allegat ksur ta` l-Artikolu 6(1) u 6(2) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u r-rimedju li qed jitlob ir-rikorrent u cioe` dak li jigu annullati s-sentenzi fil-konfront tieghu.*

*Illi kif ser jigi pruvat ir-rikorrent kellu a fair trial u ghalhekk zgur li r-rimedju mitlub minnu u cioe` li jigu annullati s-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati u tal-Qorti tal-Appell Kriminali qatt ma jista` jitqies bhala gustifikat.*

*Illi anzi l-esponenti jsostnu illi fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet tar-rikorrent dwar ksur ta` drittijiet fundamentali huma wkoll frivoli u vessatorji u qed isiru b`abbuz tal-process gudizzjarju in kwantu qed jitressqu ghall-ewwel darba proprju issa, u cioe` wara li nghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati fejn sabet sejbien ta` htija b`kundanna ta` 8 snin prigunerija kif konfermata fl-interezza taghha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Mumen Traore sive Mumin Trabule'. Il-fatt illi fiz-zewg kawzi msemmija r-rikorrent l-ewwel halla l-proceduri kollha quddiem il-Qrati ordinarji jigu konkluzi mbaghad qaghad jistenna u 'hareg mill-komma' lanjanzi ta` natura kostituzzjonali jgib bhala konsegwenza illi t-tqanqil ta` dawk il-lanjanzi jkunu 'frivoli u vessatorji'. Il-frivolu jew vessatorju jinkorpora mhux biss l-infondat u l-fieragh izda wkoll it-tqanqil ta` argumenti, validi jew invalidi, b`mod intempestiv u b`mod illi jkun jidher manifestament illi jkunu ntaghzlu biex jergghu' jifthu materja (primarjament it-thassir tas-sentenzi u tal-piena) li ormai hija res judicata.*

*Illi ghalhekk u fid-dawl tas-suespost ma jirrizulta ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u ghalhekk l-allegazzjonijiet u t-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti mill-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Carlo Ellul u Spettur Raymond Aquilina) vs Mumen Traore sive Mumin Trabule`* li huma rilevanti ghall-mertu tal-kawza tal-lum, u li kienu esebiti mill-Avukat Generali, flimkien ma` kopja nformi tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-15 ta` Marzu 2012 fl-istess kawza.

Rat l-atti mill-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Carlo Ellul u Spettur Raymond Aquilina) vs Mumen Traore sive Mumin Trabule`* li kienu esebiti mir-rikorrent fl-udjenza tal-14 ta` Gunju 2012.

Rat id-dokument li pprezenta r-rikorrent fil-25 ta` Gunju 2012 fejn indika n-numru ta` granet li ghaddew bejn dehra u ohra tieghu fil-proceduri kriminali fl-ewwel istanza.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta` Lulju 2012.

Rat id-dokument li pprezenta l-Avukat Generali fl-istess udjenza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li kienu skambjati bejn il-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li saru bil-fomm mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta` Ottubru 2012.

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Fatti</u>

Mill-atti tal-kawza fl-ismijiet "**<u>Il-Pulizija (Spt. Carlo Ellul u Spt. Raymond Aquilina) vs Mumen Traore sive Mumin Trabule</u>**" li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta` Marzu 2012 jirrizulta dan li gej :–

1) Fil-**<u>25 ta` Awissu 2008</u>**, ir-rikorrent kien akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja b`reati li allegatament kienu sehhew fix-xhur ta` Marzu, Lulju u Awissu tal-2008.

2) Fl-ewwel udjenza li saret fil-**<u>25 ta` Awissu 2008</u>**, il-Qorti ordnat illi r-rikorrent jinzamm taht arrest preventiv billi riedu jixhdu l-allegati vittmi tar-reati addebitati lir-rikorrent.

3) Fl-**<u>24 ta` Lulju 2009</u>**, ir-rikorrent, wara li ppremetta li kien ilu ghaxar xhur taht arrest preventiv, billi l-allegati vittmi kienu xehdu ghal ahhar ghaxar xhur, u billi kien hemm persuna li kienet lesta tospitah, talab lill-Qorti sabiex takkordalu l-liberta` provizorja.

4) L-Avukat Generali oppona t-talba tar-rikorrent.

5) Fit-**<u>28 ta` Lulju 2009</u>**, il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrent ghall-helsien mill-arrest.

6) B`sentenza moghtija fis-**<u>17 ta` Awissu 2011</u>**, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, wara li sabet lir-rikorrent hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, ikkundannatu ghal piena ta` tmien snin prigunerija.

7) Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza.

8) Fl-**<u>24 ta` Jannar 2012</u>**, ir-rikorrent ipprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn, wara li ppremetta li l-appell tieghu kien ghadu mhux appuntat, li qabel is-sentenza tas-17 ta` Awissu 2011 huwa kien ghamel tlett snin taht arrest preventiv, li kien diga` skonta kwazi nofs il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti u cioe` tlett snin u nofs, li fedina penali kienet netta u li qabel l-arrest tieghu kellu impjieg regolari, talab il-helsien mill-arrest.

9) Ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-**<u>1 ta` Frar 2012</u>**.

10) Dakinhar il-Qorti tal-Appell Kriminali tat provvediment fejn wara li sabet li r-rikorrent ma kienx jissodisfa l-kriterji tal-Art 575(1) tal-Kap 9, cahdet it-talba tar-rikorrent u appuntat l-appell tieghu ghall-**<u>15 ta` Frar</u> <u>2012</u>**.

11) Wara li kien trattat l-appell fl-udjenza tal-15 ta` Frar 2012, il-kawza baqghet ghas-sentenza ghall-**<u>15 ta` Marzu 2012</u>**. Fis-sentenza taghha, il-Qorti ta` l-Appell Kriminali cahdet l-appell u kkonfermat s-sentenza appellata.

Fil-kors tal-kawza tal-lum, il-partijiet qablu :-

i) Illi r-rikorrent ma kienx irrilaxxjat mill-arrest f`gheluq it-tnax il-xahar mid-data tal-qari tal-artikoli fil-kawza kriminali migjuba kontra tieghu ;

ii) Illi l-qari tal-artikoli sar fit-18 ta` Dicembru 2009.

Ir-rikorrent ipprezenta Dok A fejn elenka l-ghadd ta` granet li ghaddew bejn differiment u iehor kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti Istruttorja u quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali. Saret referenza ghal Art 401 tal-Kap 9.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Sottomissjonijiet bil-miktub</u>

**1) tar-rikorrent**

**Fil-qosor**, wara li jaghmel riassunt tar-rikors promotur, tar-risposta u tal-fatti tal-kaz, ir-rikorrent jittratta l-allegat ksur tal-Art 5(1) tal-Konvenjoni. Isostni li l-arrest preventiv tieghu dam aktar mill-massimu impost mill-ligi fil-Art 575(7), (8)(b) u 9(a)(iii) tal-Kap 9. Ghalhekk l-arrest preventiv li dam minn Settembru 2010 sa April 2012 kien illegali. Ir-rikorrent jirreferi ghas-sentenzi tal-Qorti ta` Strasbourg "**K.F. vs Germany**" (1997 – VIII 2657) u "**Jecius v Lithuania**" (Application No. 64578/97). Dwar dan l-punt l-intimati sostnew illi r-rikorrent naqas milli jitlob l-liberta` provvizorja wara l-iskadenza tal-perijodu ta` tnax il-xahar. Ghal dan l-argument, ir-rikorrent iwiegeb billi jirreferi ghas-sentenza li tat din il-Qorti fid-29 ta` Frar 2012 fil-kawza "**The Police vs Nelson Arias**" fejn kien rigettat l-argument tal-intimati ghaliex kif ighaddu it-tnax ix-xahar kien jinkombi fuq il-Qorti l-obbligu li takkorda l-liberta provizorja, minghajr il-htiega li jaghmel talba r-rikorrent. Iz-zmien massimu li r-rikorrent seta` jinzamm taht arrest preventiv kien ta` 12 –il xahar u ghalhekk wara Settembru 2010 l-arrest kien illegali u mhux gustifikat.

Ir-rikorrent jirrileva illi l-Art 575(7) tal-Kap 9 huwa tassattiv u ma jippermetti l-ebda eccezzjoni mill-obbligu li l-akkuzat jinghata l-liberta` provvizorja wara li jiskadi t-terminu stipulat fil-Artikolu 575(9). Hija gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna u tal-Qorti ta` Strasbourg illi presunzjoni ta` l-Art 5 tal-Konvenzjoni hija favur il-helsien mill-arrest. Fir-Reg 6.1 tal-***United Nations Standard Minimum Rules for Non-Custodial Measures*** jinghad illi – *"pre-trial detention shall be used as a means of last resort in criminal proceedings, with due regard to the investigation of the alleged offence and for the protection of society and the victim."* Ghalhekk l-eccezjoni ghar-regola trid tkun wahda gustifikata u tali gustifikazzjoni trid tibqa` tezisti matul iz-zmien kollu li l-individwu jkun mizmum taht kustodja.

Meta mbaghad il-gustifikazzjoni ma tkunx tezisti aktar, jekk il-persuna ma tigix mehlusa, immedjatament ikun hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. In sostenn ta` dan ir-rikorrent jirreferi ghal sentenzi tal-Qorti ta` Strasbourg : "**Neumeister vs Austria**" (Application No. 1936/63) deciza fis-27 ta` Gunju 1968 ; "**Kudla vs Poland**" (30210/96) deciza fis-26 ta` Ottobru 2000 u "**Byakov vs Russia**" (4378/02) deciza fil-11 ta` Marzu 2009.

Wahda mir-ragunijiet li tat l-Qorti ta` l-Appell Kriminali meta cahdet r-rikors ghall-helsien mill-arrest tar-rikorrent kienet il-fatt tal-biza` li jahrab minn Malta ghaliex ma kellux rabtiet ma` Malta. Ir-rikorrent jirreferi ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-14 ta` Frar 2011 fil-kawza "**Jovica Kolakovic vs The Attorney General**", ghas-sentenza tal-ECHR "**Massoud vs Malta**" li kienet deciza fis-27 ta` Gunju 2010 u "**The Police vs Austine Eze**

**and Osita Anagboso Obi**" li kienet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta` Awissu 2012.

Skond ir-rikorrent, il-Qorti tal-Magistrati naqqset milli ssegwi l-procedura stabbilita fit-tieni proviso tal-Art 401 tal-Kap 9 u cioe` illi l-akkuzat jingab quddiem il-Qorti f`intervalli qosra biex tigi ezaminata d-detenzjoni tieghu. Din l-procedura kienet segwieta darba biss u kien hemm okkazjonijiet fejn ghaddew anke tlett xhur bejn dehra u ohra. Dan in-nuqqas kien juri mankanza cara ta` *due diligence* li bhala tali huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

Ir-rikorrent jallega wkoll li kien hemm vjolazzjoni tal-Art 5(4) tal-Konvenzjoni. Il-proceduri ma kellhomx ikunu twal u kellhom ikunu effettivi. L-Art 412B tal-Kap 9 (li ghalih ghamlu riferenza l-intimati) ma kienx japplika ghar-rikorrent meta l-proceduri waslu quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali. L-uniku rimedju li kellu kien li jipprezenta ilment quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, izda dak ir-rimedju ma kienx jissodisfa l-kriterji tal-Art 5(4).

Dwar l-allegat ksur tal-Art 6(1) tal-Konvenzjoni, ir-rikorrent jissottometti illi skond il-gurisprudenza, sabiex qorti jew tribunal jitqiesu mparzjali mhuwiex bizzejjed li jkun hemm imparzjalita` soggettiva izda ghandu jkun hemm imparzjalita` oggettiva – "**Piersack vs Belgium**" (8692/79) deciza fl-1 ta` Ottobru 1982.

Skond ir-rikorrent id-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali li cahad l-ghoti tal-liberta` provvizorja jaghti dehra ta` "*pre-formed opinion*", ghaliex ir-rifjut tal-Qorti kien ibbazat fuq is-serjeta` tar-reati li taghhom l-esponenti *"jinsab hati"*. Saret referenza ghal "**Hauschildt vs Denmark**" (10486/83). Huwa ma kellu l-ebda rimedju effettiv sabiex jilmenta dwar id-decizjoni tal-gudikant li jisma` l-mertu huwa stess ghaliex l-ligi taghna tispecifika c-cirkostanzi meta gudikant jista` jigi rikuzat. U ghalkemm ir-rikorrent kellu dubju ragjonevoli li l-appell tieghu ma kienx se jigi deciz minn qorti imparzjali ma kellu l-ebda rimedju sabiex jipprevjeni il-vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu. Saret referenza ghal "**Remli vs France**"(16839/90).

Dwar l-allegat ksur tal-Art 6(2) tal-Konvenzjoni, ir-rikorrent jissottometti li filkors tal-proceduri kriminali, ma jistax jinghad ragjonevolment li huwa kien prezunt innocenti. L-assunzjoni kontra tieghu kienet illi huwa kien hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu. Ir-rikorrent jaghmel referenza ghall-mod dispregattiv ta` kif x-xhieda rriferew ghalih u d-deposizzjoni shiha ta` pulizija li rreferiet ghar-rikorrent biss bhala *"iswed"*. Skond ir-rikorrent, l-Ewwel Qorti qatt ma interveniet biex trazzan jew twissi lix-xhieda sabiex jirreferu ghar-rikorrent b`mod aktar dicenti u uman, izda dik l-imgieba kienet accettata mill-

Qorti. Anke dan iqajjem dubju dwar jekk ir-rikorrent kienx tassew ittrattat b`mod imparzjali u kienx tassew prezunt innocenti.

Skond ir-rikorrent, huwa kien vittma ta` detenzjoni illegali ghal perijodu ta` sena u seba` xhur. Ghalhekk kellu dritt ghal kumpens.

**2) <u>tal-intimati</u>**

**<u>Fil-qosor</u>**, l-intimati jissottometti dwar l-allegata vjolazzjoni tal-Art 5(1) tal-Konvenzjoni illi l-arrest tar-rikorrent matul il-perijodu kollu in kwistjoni kien permess mill-Konvenzjoni. Ir-rikorrent talab il-helsien mill-arrest fid-29 ta` Lulju 2009 u cioe` 11-il xahar wara li kien arrestat. It-talba tieghu kienet michuda ghaliex kien mixli b`reati serjissimi kontra persuni differenti, f`cirkostanzi differenti u ghaliex kien ghad fadal xhieda pajzana li ma kienux ghadhom xehdu. Kontrarjament ghal dak allegat fir-rikors promotur, ma kienx hemm talba ohra quddiem l-Ewwel Qorti ghal-liberta` provvizorja wara li ghaddew it-12-il xahar. Kien ghalhekk illi l-Ewwel Qorti ma ppronunzjatx ruhha dwar il-helsien mill-arrest ai termini tal-Art 582 tal-Kap 9.

Dwar l-Art 401(1) tal-Kap 9, li jistipula li r-rikorrent kellu jittella` l-qorti darba kull hmistax sabiex jigi determinat jekk ghandux jibqa` arrestat, l-intimati qalu li dak ma kienx dritt awtomatiku izda dritt li kellu jigi nstigat mill-akkuzat b`talba li jinheles mill-arrest skond l-Art 582. L-intimati jirreferu ghas-sentenza "**<u>Police vs Nelson Arias</u>**" li accenna ghaliha r-rikorrent. Ghalkemm irrefera ghas-sentenza ta` din il-Qorti, ir-rikorrent baqa` ma qalx li dik is-sentenza kienet appellata, u fis-sentenza taghha tat-28 ta` Settembru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali ma kenitx qablet mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti. L-intimati huma tal-fehma illi l-arrest tar-rikorrent ma jistax jitqies illegali ghaliex wara li ghadda t-terminu stipulat mil-ligi huwa ma talabx il-helsien mill-arrest.

L-intimati jkomplu jirrilevaw illi t-tieni darba li r-rikorrent talab il-helsien mill-arrest kien meta l-kawza waslu fl-istadju tal-appell. Skond l-Art 416(3) tal-Kap 9, il-Qorti *"tista"* tiddeciedi jekk taghtix l-helsien mill-arrest. Ghalhekk fl-istadju tal-appell il-Qorti mhijiex obbligata tikkoncedi l-liberta` provvizorja. Kontrarjament ghal dak li ssottometta r-rikorrent, l-Qorti ta` l-Appell Kriminali ma cahditx it-talba tieghu fuq il-bazi li kien hemm il-biza` li jahrab minn Malta, izda ghaliex ma kellux indirizz fiss. Skond l-intimati, din kienet raguni sekondarja ghaliex ir-ragunijiet principali kienu s-serjeta` tar-reat u d-dritt li s-socjeta` tkun protetta. L-intimati jirreferu ghal dak li jghidu l-awturi Harris, O`Boyle and Warbrick fil-ktieb taghhom **"*<u>Law of the European Convention on Human Rights</u>*"** :- *"A conviction is a conviction by a trial court, so detention pending appeal is justified by reference to Article 5(1) (a)."* L-

interpretazzjoni li jaghti r-rikorrenti li imputat ghandu jibqa` hieles sakemm jinghata decizjoni finali hija zbaljata u m`ghandha l`ebda sostenn guridiku.

Dwar l-allegata vjolazzjoni tal-Art 5(4) tal-Konvenzjoni, u l-ilment tar-rikorrent illi ma kellu l-ebda rimedju ghall-allegata illegalita` tal-arrest tieghu, l-intimati jsostnu li r-rimedju tar-rikorrent kien illi jaghmel talba lill-Ewwel Qorti. L-intimati jirreferu ghal kaz ta` "**Stephens vs Malta**" (11956/07) deciza fit-21 ta` April 2009. Il-fatt li l-imputat ghamel il-prova illi huwa ma kienx ingab kull hmistax quddiem il-Qorti, hija ghal kollox irrilevanti ghall-ilment tieghu dwar ksur tal-Art 5(4) ghaliex r-rikorrent kellu l-fakolta` li jitlob il-helsien mill-arrest, minghajr l-bzonn li jistenna d-data tas-seduta quddiem il-Qorti ta` l-Magistrati.

L-intimati jsostnu wkoll li kontrarjament ghal dak sottomess mir-rikorrent, skond il-ligi taghna, sentenza ta` htija tibda tiddekorri immedjatament sakemm l-imputat ma jitlobx s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza. Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent la talab il-helsien mill-arrest u lanqas is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza.

Dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u l-Art 39 tal-Kostituzzjoni, l-intimati jissottomettu li l-allegazzjoni li l-Imhallef li kien qed jippresjedi l-Qorti ta` l-Appelli Kriminali kellu *pre-formed opinion* hija ghal kollox infondata ghaliex ma rrizulta xejn li jindika li l-Imhallef kien diga` fforma opinjoni qabel sema l-appell. Fid-digriet tieghu dwar il-helsien mill-arrest, l-Imhallef ddikjara biss fatti oggettivi dwar l-affidabilita` tar-rikorrent. L-intimati jirreferu ghal kaz ta` **Hauschild**, u jfissru r-ragunijiet ghaliex f`dawk ic-cirkostanzi l-Qorti ta` Strasbourg iddecidiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Art 6(1).

Dwar l-allegat ksur tal-Art 6(2) tal-Konvenzjoni u l-Art 39 tal-Kostituzzjoni, l-intimati jichdu l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-kaz tieghu *"beda minn assunzjoni illi huwa kien hati tal-akkuzi dedotti kontrih."* Mill-provi ma jirrizultax illi waqt il-proceduri quddiem il-Qorti ta` l-Magistrati sehh dak li allega r-rikorrent.

Rigward ir-rimedju li qed jitlob r-rikorrent, l-intimati jsostnu li f`dan il-kaz, dikjarazzjoni ta` ksur ta` drittijiet fundamentali kellha titqies bizzejjed. Dan ghaliex – a) il-kawza tal-lum saret wara li s-sentenza ghaddiet in gudikat ; b) ir-rikorrent kien qieghed jittenta juza dawn il-proceduri sabiex ihassar is-sejbien ta` htija ; u c) il-perijodu kollu li r-rikorrent ghamel taht arrest preventiv kien se jitnaqqas mill-perijodu ta` habs li huwa kellu jiskonta.

L-intimati jipprecizaw illi jekk il-Qorti ssib li ghandha taghti xi rimedju iehor ghandha tiehu in konsiderazzjoni illi fir-rigward tal-allegat ksur tal-Art 6 tal-Konvenzjoni, ir-rikorrent lmenta dwar l-proceduri quddiem il-Qorti ta` l-Appell u mhux dwar dawk quddiem l-Ewwel Qorti u ghalhekk ma jistax jitlob l-annullament tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti.

Dwar it-talba ghal kumpens xieraq, l-intimati jghidu li l-ghoti ta` kumpens mhux gustifikat ghaliex is-sejbien ta` htija tar-rikorrent kien wiehed gust u bbazat fuq provi accertati.

Dwar l-allegat ksur tal-Art 5 tal-Konvenzjoni, l-intimati jirreferi ghal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjoni fil-kawza "**Police vs Nelson Arias**" – *"The defendant`s failure to request bail could have a bearing on the nature of the remedy, where appropriate, which the Court could grant the defendant should a violation be found in his regard."*

**Ikkunsidrat :**

## IV. Sottomissjonijiet bil-fomm

### 1) tar-rikorrent

Ir-rikorrent irrileva illi wara li kienet ghaddiet sena, id-detenzjoni tieghu saret illegali anke jekk huwa ma pprezentax rikors ghal helsien mill-arrest. Meta jkun hemm illegalita` ta` detenzjoni, il-Qorti ghandu jkollha s-setgha li *ex officio* takkorda l-liberta`. Il-Qorti ta` Strasbourg sabet illi jekk ikun hemm zmien determinat ghad-detenzjoni u dan iz-zmien stipulat mill-ligi jiskadi, id-detenzjoni ssir automatikament illegali. Ghall-vjolazzjoni tal-Art 5, ir-rikorrent kien qed jitlob kumpens pekunarju.

Dwar l-allegat vjolazzjoni tal-Art 6, ir-rikorrent irrileva illi l-Qorti ta` l-Appelli Kriminali kienet parzjali ghax ma aderietx mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu qabel tirrizulta htija. Dan kien evidenti mid-digriet fejn il-Qorti ta` l-Appell Kriminali cahdet ir-rikors tieghu ghal helsien mill-arrest. Raguni ohra ghaliex r-rikorrent ilmenta minn ksur tas-smigh xieraq kien ghaliex il-Qorti ta` l-Appelli Krimali damet xahar sabiex taghti s-sentenza waqt li f`kawzi ohra kienet tiehu aktar zmien sbiex tiddeciedi. Dan kien fatt indikattiv ta` *pre-formed opinion* mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali.

**2)** **tal-intimati**

Propju dwar l-ahhar punt, l-intimati sostnew illi dik kienet l-ewwel darba li r-rikorrent ilmenta li fl-appell il-kaz tieghu kien deciz malajr wisq. L-intimati sostnew li d-digriet tal-Qorti ma kienx jimmanifesta *preformed opinion.* Fid-digriet taghha, il-Qorti qieset illi l-imputat kien nstab hati mill-Ewwel Qorti ta` stupru u ta` tliet tentattivi ta` stupru.

Dwar l-allegata illegalita` tal-arrest, l-intimati rriaffermaw illi l-ligi hija cara fis-sens illi ghalkemm il-Qorti hija obbligata illi wara tnax il-xahar taghti l-liberta` provvizorja, dak l-obbligu jiskatta biss jekk issir talba mill-persuna biex tinghata l-liberta provvizorja. L-Art 582 tal-Kap 9 izomm lill-Qorti milli taghti *ex officio* l-helsien mill-arrest taht garanzija meta ma ssirx talba mill-imputat.

**Ikkunsidrat :**

**V.** **Dritt**

Ir-rikorrent ressaq zewg talbiet lill-Qorti :-

*1. Tiddikjara illi d-detenzjoni kontinwata tal-esponenti kienet leziva tad-dritt tieghu ghal-liberta` hekk kif sancit fl-Artikolu 5(1) u 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u tordna lill-intimati jhallsu kumpens finanzjarju xieraq ghaz-zmien illi l-esponenti qatta` l-habs b`mod leziv ghad-drittijiet fundamentali tieghu.*

*2. Tiddikjara illi gew lezi d-drittijiet tal-esponenti hekk kif sanciti fl-Artikolu 6(1), 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u taghti dawk ir-rimedji xierqa u opportuni sabiex l-esponenti jigi ri-integrat fil-harsien tad-drittijiet tal-bniedem tieghu, fosthom l-annullament tas-sentenzi msemmija, jew liema minnhom.*

**1)** **<u>L-Art 5 tal-Konvenzjoni</u>**

**<u>L-ewwel (1) subinciz</u>** jaqra hekk :-

*Kulhadd ghandu d-dritt ghal-libertà u ghas-sigurtà tal-persuna.*

*Hadd ma ghandu jigi ipprivat mil-libertà tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skond il-procedura preskritta bil-ligi :*

Id-disposizzjoni tghid liema huma dawn il-kazijiet. Minnhom il-kaz li huwa rilevanti ghall-kawza tal-lum huwa **<u>(c)</u>** li jghid hekk :-

*l-arrest jew detenzjoni skond il-ligi ta' persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat.*

**<u>It-tielet (3) subinciz</u>** ighid hekk :-

Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1)(*c*) ta' dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b`ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghal proceduri fi zmien ragonevoli jew ghal helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-helsien jista' jkun taht kundizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri.

**<u>Ir-raba`(4) subinciz</u>** jaqra hekk :-

*Kull min ikun ipprivat mil-libertà tieghu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jaghmel proceduri biex il-legalità tad-detenzjoni tieghu tigi deciza malajr minn qorti u l-liberta` tieghu tigi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-ligi.*

**<u>Il-hames (5) subinciz</u>** ighid hekk :-

*Kull min ikun vittma ta` arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta` dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli ghal kumpens.*

**2) <u>Il-Kodici Kriminali (Kap 9)</u>**

Fl-ambitu tal-analizi ta` l-Art 5 tal-Konvenzjoni ghall-fini tal-accertamenti li trid taghmel fil-kawza tal-lum, il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal disposizzjonijiet tal-**<u>Kap 9</u>** li huma rilevanti, u li ssemmew waqt it-trattazzjoni tal-kawza :-

**<u>L-Art 401(1)</u>** :-

*Il-kompilazzjoni ghandha tinghalaq fi zmien xahar, illi, ghal raguni tajba, jista' jigi mgedded mill-President ta' Malta ghal perijodi ohra kull wiehed minnhom ta' xahar, u kull tigdid bhal dan ghandu jsir fuq talba bil-miktub maghmula mill-qorti :*

*Izda z-zmien fuq imsemmi m'ghandux b'kollox jigi hekk imgedded ghal aktar minn tliet xhur :*

***Izda wkoll kemm-il darba ma jkunx inghata l-helsien mill-arrest, l-akkuzat ghandu jingieb quddiem il-qorti ghall-anqas darba kull hmistax-il gurnata sabiex il-qorti tiddecidi jekk ghandux jibqa' arrestat.*** (enfasi tal-qorti)

**<u>L-Art 412B(1)</u>** :-

*Kull min ikun jinsab taht arrest ghal reat li dwaru jkun qed jigi imputat jew akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati u li, f`kull stadju iehor minbarra dak li jirreferi ghalih l-artikolu 574A, jallega li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tieghu ma tkunx skont il-ligi,* ***jista` f`kull waqt jaghmel rikors lill-qorti fejn jitlob il-helsien tieghu mill-arrest****. Rikors bhal dak ghandu jigi appuntat ghas-smigh b`urgenza u flimkien mad-data tas-smigh ghandu jigi notifikat fl-istess jum li jsir lill-Kummissarju tal-Pulizija jew, skont il-kaz, lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali, li jistghu jipprezentaw risposta ghalih sa mhux aktar tard mill-jum tas-smigh.* (enfasi tal-qorti).

**<u>L-Art 416(3)</u>** :-

*Id-dikjarazzjoni tal-appell twaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza ghall-persuna misjuba hatja li tkun taht arrest u din il-persuna* ***tista`*** *taqla`, fiz-zmien li hemm ghall-appell u matul is-smigh tal-appell, il-helsien mill-arrest, fil-kazijiet li l-helsien mill-arrest jista` jinghata taht id-disposizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta` dan il-Kodici.* (enfasi tal-qorti)

**<u>L-Art 575(1)</u>** :-

*Bla hsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 574(2), fil-kaz ta` -*

*(i)* *imputat ta` delitt kontra s-sigurtà tal-Gvern, jew*

*(ii)* *imputat ta` delitt suggett ghall-piena ta` prigunerija ghal ghomru,*

*il-qorti tista` taghti helsien mill-arrest, biss jekk, wara li tikkunsidra ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, in-natura u l-gravità tar-reat, il-karattru, antecedenti, assocjazzjonijiet u rabtiet fil-kommunità tal-imputat, kif ukoll kull haga ohra li tkun tidher li hi rilevanti, tkun sodisfatta illi ma hemmx perikolu illi l-imputat jekk jigi mehlus mill-arrest –*

*(a) jonqos li jidher ghall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija ; jew*

*(b) jinheba jew jitlaq minn Malta ; jew*

*(c) ma josservax xi kondizzjoni li l-qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fid-digriet taghha li bih jinghata l-helsien ; jew*

*(d) jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b`xi mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew xi persuna ohra ; jew*

*(e) jikkommetti xi reat iehor.*

**<u>L-Art 575(2</u>**) :-

*F`kull stadju minbarra dak imsemmi fl-artikolu 574A, it-talba ghall-helsien mill-arrest jew kull talba ghal bdil fil-kondizzjonijiet tal-helsien wara li jkun inghata dak il-helsien,* ***ghandha ssir b`rikors****, u ghandha tkun ikkomunikata lill-Avukat Generali dak in-nhar stess b`kopja tal-istess rikors, kull meta tkun maghmula minn -*

*(a) imputati ta` falliment doluz ;*

*(b) imputati tad-delitti msemmijin fis-Sub-titolu III tat-Titolu III tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb ta` dan il-Kodici, meta dawn id-delitti jkunu suggetti ghall-piena ta` prigunerija ghal aktar minn sena ;*

*(c) imputati ta` delitti suggetti ghall-piena ta` aktar minntliet snin prigunerija.* (enfasi tal-qorti)

**<u>L-Art 575(7)</u>** :-

*Il-helsien mill-arrest taht garanzija ghandu* ***jinghata wkoll dejjem*** *lil persuna imputata ta` reat kemm-il darba fiz-zminijiet specifikati fis-subartikolu (9), li jibdew jghoddu kif provdut fis-subartikolu (8), ma jkunx hemm sentenza finali li tillibera, issib hati jew tikkundanna lill-persuna hekk imputata.*

**<u>L-Art 575(8)</u>** :-

*Iz-zminijiet specifikati fis-subartikolu (9) jibdew jghoddu :*

*(b) meta tkun saret kumpilazzjoni, minn dakinhar li fih l-Avukat Generali jibghat lill-imputat biex jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati kif provdut fl-artikolu 370(3)(a) jew fl-artikolu 433(5) ta` dan il-Kodici jew f`xi provvediment simili f`xi ligi ohra, jew minn dakinhar li jkun gie ipprezentat l-att tal-akkuza.*

**<u>L-Art 575(9)</u>** :-

*(a) Iz-zminijiet li ghalihom jirreferu s-subartikoli (7) u (8) huma :*

…

*(iii) tnax-il xahar f`kaz ta` delitt suggett ghall-piena ta` prigunerija ghal zmien izjed minn erba` snin izda mhux izjed minn ghaxar snin ;*

**<u>L-Art 575(11)</u>** :-

*Meta tirrifjuta li taghti l-helsien mill-arrest il-qorti ghandha tghid x`ikunu r-ragunijiet taghha ghal dak ir-rifjut fl-istess digriet li bih tichad il-helsien mill-arrest, u dak id-digriet ghandu jigi notifikat lill-imputat.*

**<u>L-Art 582(1)</u>** :-

*Il-qorti* ***ma tistax ex officio*** *taghti l-helsien mill-arrest taht garanzija, meta dan il-helsien ma jitolbux l-imputat jew l-akkuzat.* (enfasi tal-qorti)

**3) <u>L-Art 6 tal-Konvenzjoni</u>**

**<u>L-ewwel (1) subinciz</u>** jaqra hekk :-

*Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf*

*b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f`socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f`cirkostanzi specjali meta l-pubblicita` tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja.*

**<u>It-tieni (2) subinciz</u>** ighid :-

*Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm ma jigix pruvat hati skond il-ligi.*

**4) <u>L-Art 39 tal-Kostituzzjoni</u>**

Id-disposizzjonijiet rilevanti huma dawn :-

**<u>L-ewwel (1) subinciz</u>** li jaqra hekk :-

*Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi.*

**<u>Il-hames (5) subinciz</u>** li ighid hekk :-

*Kull min jigi akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm jigi pruvat jew ikun wiegeb li huwa hati :*

*Izda ebda haga li hemm fi jew maghmula skont l-awtorità ta' xi ligi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan issubartikolu safejn dik il-ligi timponi fuq xi persuna akkuzata kif intqal qabel il-piz tal-prova ta' fatti partikolari.*

**Ikkunsidrat :**

**VI. <u>Risultanzi</u>**

**1. <u>dwar l-ewwel talba</u>**

**a) <u>allegat ksur tal-Art 5(1) tal-Konvenzjoni</u>**

L-Art 5[1] huwa jipprotegi d-dritt ghal-liberta` tal-individwu kontra l-interferenza arbitrarja tal- Istat, izda fl-istess waqt jirrikonoxxi li jezistu cirkostanzi li jimmeritaw deroga ghal dan id-dritt.

Fil-kuntest tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz in ezami, u fl-isfond tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali li ghalihom diga` rreferiet, din il-Qorti tirrileva illi talba ghal helsien mill-arrest trid issir mill-akkuzat permezz ta` rikors. It-talba tista` ssir f`kull stadju tal-procediment kriminali. Jekk ir-rikors isir wara li jkun ghadda t-terminu tal-arrest preventiv, fil-kaz tal-lum 12-il xahar, u qabel tinghata sentenza fl-ewwel grad ta` gudizzju, il-Qorti trid tilqa` t-talba. Jekk l-akkuzat ma jaghmilx it-talba anke wara li jkun ghadda t-terminu, il-Qorti ma tistax *ex officio* takkorda l-liberta` provizorja. Il-Qorti hija ghalhekk vinkolata mill-htiega li ssir talba permezz ta` rikors mill-akkuzat. Meta tinghata sentenza fl-ewwel grad ta` gudizzju, u jsir appell, u l-akkuzat jaghmel talba ghal helsien mill-arrest, anke jekk ikun ghadda t-terminu stabbilit mil-ligi, il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni jekk takkordax il-liberta` provvizorja nkella le.

Irrizulta li fil-kors kollu tal-procediment kriminali istitwit kontra tieghu, ir-rikorrent ipprezenta biss zewg rikorsi fejn talab il-helsien mill-arrest. L-ewwel rikors kien prezentat fl-24 ta` Lulju 2009, meta kienu ghaddew ghaxar xhur mill-prezentata tal-akkuza. Il-Qorti setghet ghalhekk tichad it-talba kif fil-fatt ghamlet. It-tieni rikors kien prezentat fl-24 ta` Jannar 2012, hames xhur wara li kienet inghatat is-sentenza tal-ewwel grad, u l-kawza kienet tinsab fl-appell. Il-Qorti tal-Appell Kriminali setghet tichad it-talba wara li taghti ragunijiet. Fil-kaz tal-lum, hekk ghamlet.

Ir-rikorrent qieghed jippretendi illi kif appena ghaddew it-12-il xahar, kellha tkun il-Qorti tal-Magistrati illi *motu proprio* - sahansitra minghajr ma jitlobha l-akkuzat – taghtih il-liberta` provvizorja u ghax ma sarx hekk – jippretendi r-rikorrent – saret vjolazzjoni tal-jeddijiet fondamentali tieghu. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma` dan l-approcc.

Fis-sentenza tad-29 ta` Jannar 2008 fil-kawza "**Saadi vs UK**", il-Qorti ta` Strasbourg qalet illi :-

"*It is a fundamental principle that no detention which is arbitrary can be compatible with Article 5 [1] and the notion of arbitrariness in [this article] extends beyond lack of conformity with national law, so that a deprivation of liberty may be lawful in terms of domestic law, but still arbitrary and thus contrary to the Convention.*"

L-istat tad-dritt taghna mhuwiex kontra dak il-principju. Anzi jistabilixxi l-limiti taz-zmien ghall-arrest preventiv skond il-piena. Mela ma hemm l-ebda arbitrarjeta` fil-ligi taghna li nkompatibbli mal-Art 5(1). Hija nfondata l-isvolta li jrid jaghti r-rikorrent ghall-istat tad-dritt taghna ghaliex il-ligi taghna mhijiex jipprospetta li qieghed ighid ir-rikorrent. Huwa evidenti illi r-rikorrent qieghed jittenta jisposta n-nuqqas lampanti tieghu ghal fuq il-Qorti meta mhuwiex sewwa u lanqas ragonevoli li jaghmel hekk. Ir-rikorrent ma jaghti l-ebda spjegazzjoni jew gustifikazzjoni ghala fl-istadju tal-ewwel grad ta` gudizzju,

wara li ghaddew it-tnax-il xahar, ma ghamel l-ebda talba kif trid il-ligi fejn jitlob il-helsien mill-arrest. Dwar dan : skiet perfett da parti tar-rikorrent.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija fit-28 ta` Settembru 2012 mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**The Police vs Nelson Arias**" u li kienet citata miz-zewg partijiet. Dwar dak deciz mill-Ewwel Qorti, il-Qorti qalet hekk :-

*"31. This Court does not share all the considerations of the first Court on this issue. This Court, for example, does not concur with the first Court`s reasoning that the fact that the defendant had been detained without bail in excess of 20 months this "rendered his arrest illegal". The continued detention would have become illegal had a request for bail been made by the defendant and that request denied. None of this occurred in this case."*

Fil-kawza "**The Police vs Nelson Arias**", l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi malli jghaddi t-terminu preskritt mil-ligi li fih l-akkuzat jista` jinzamm taht arrest preventiv, kien hemm dritt awtomatiku illi jinghata l-helsien tal-arrest.

Il-Qorti Kostituzzjonali min-naha taghha rrilevat illi talba ghal helsien mill-arrest ghandha dejjem ssir mill-akkuzat u ma tistax tigi akkordata *ex officio* mill-Qorti stess. Fil-kaz tal-lum, il-Qorti tghid illi in kwantu jirrigwarda l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, ma ssibx li kien hemm ksur tal-Art 5(1) tal-Konvenzjoni fuq il-pretest li kienu ghaddew it-tnax-il xahar u r-rikorrent ma nghatax il-helsien mill-arrest fuq inizjattiva tal-Qorti stess, meta wiehed iqis li f`dak l-istadju l-aakkuzat ma kienx ghamel talba.

Ghar-rigward tat-talba li ghamel ir-rikorrent ghall-helsien mill-arrest fl-istadju tal-appell, il-Qorti tirreferi ghad-digriet li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-1 ta` Frar 2012.

Id-digriet kien jaqra hekk :-

*Il-Qorti :*

*Rat ir-rikors ;*

*Rat ir-risposta ;*

*Semghet lid-difiza u lill-Avukat Generali ;*

*Filwaqt illi tifhem u tapprezza l-insenjament tal-Qorti Ewropea dwar id-dritt tal-liberta` provvizorja, min-naha l-ohra ma tistax twarrab is-serjeta` tar-reat li tieghu nstab hati u t-theddida tieghu lejn is-socjeta` li ghandha dritt tkun protetta mir-reati li taghhom jinsab hati. Il-Qorti jidhrilha li darba mehlus hemm possibilita` kbira li r-rikorrent jerga` jikkommetti xi reat iehor. Ma tistax anqas twarrab il-fatt li r-rikorrent m`ghandux indirizz fiss u ma jaghtix dak l-affidament li din il-Qorti tehtieg sabiex tassigura li jidher kull darba li jkun hemm imsejjah.*

*Ghalhekk il-Qorti thoss li r-rikorrent ma jissodisfax il-kriterji msemmija fl-Art 575(1) tal-Kap 9 u konsegwentement tichad it-talba. Tordna pero` li l-appell tieghu ghandu jinstema` fil-15 ta` Frar 2012 fid-9.00 a.m.*

Fis-sentenza tal-Qorti ta` Strasbourg tat-28 ta` Gunju 2006 fil-kawza "**Kubicz vs Poland**" inghad hekk :-

*"The question whether a period of detention is reasonable cannot be assessed in the abstract but must be considered in each case according to its special features. Continued detention can be justified in a given case only if there are specific indications of a genuine requirement of public interest which, notwithstanding the presumption of innocence, outweighs the rule of respect for individual liberty laid down in Article 5 of the Convention."*

Fis-sentenza tas-26 ta` Lulju 2001 fil-kawza "**Ilijkov vs Bulgaria**", il-Qorti ta` Strabourg qalet illi :- *"the severity of the sentence faced is a relevant element in the assessment of the risk of absconding or reoffending".*

Fil-kaz tal-lum, il-fatti accertati kienu dawn :-

Is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati inghatat fid-19 ta` Awissu 2011. Ir-rikorrent ipprezenta rikors tal-appell fil-31 ta` Awissu 2011. Meta l-appell tieghu ma kienx ghadu appuntat, ir-rikorrent ipprezenta rikors fl-24 ta` Jannar 2012 ghall-helsien mill-arrest. Ir-rikors kien appuntat, trattat u deciz fl-1 ta` Frar 2012. Il-Qorti tal-Appell Kriminali appuntat l-appell ghall-15 ta` Frar 2012. L-appell kien trattat dakinhar u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-15 ta` Marzu 2012. Il-kawza kienet deciza dakinhar bic-cahda tal-appell u konferma tas-sentenza appellata.

Il-kwadru li johrog minn dawn il-fatti huwa illi f`temp ta` anqas minn xaghrejn u cioe` bejn l-24 ta` Jannar 2012 u l-15 ta` Marzu 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali : semghet u ddisponiet mir-rikors ghall-helsien mill-arrest ; appuntat l-appell ; semghet l-appell ; u ddecidiet l-appell. Il-kontestazzjoni tar-rikorrent dwar il-provvediment tal-Qorti tal-Appell Kriminali dwar it-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest certament mhijiex id-dewmien. Ironikament ic-celerita` "zejda" (ghar-rikorrent) li biha l-Qorti tal-Appell Kriminali ddisponiet mill-appell tieghu hija lanjanza li r-rikorrent qieghed iressaq abbazi tal-Art 6 tal-Konvenzjoni u tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni li sejra tigi trattata `l quddiem.

Din il-Qorti hija tal-fehma li bil-mod kif kienet trattata t-talba tar-rikorrent ghall-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Appell Kriminali ma kien hemm l-ebda ksur tal-Art 5(1) tal-Konvenzjoni. Il-Qorti tqis illi bis-sentenza tal-Ewwel Qorti tad-19 ta` Awissu 2011, ir-rikorrent kien instab hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u kkundannat tmien (8) snin prigunerija. Fil-konsiderazzjoni tat-talba tar-rikorrent, huwa evidenti li l-Qorti tal-Appell Kriminali hadet kont tan-natura u tal-gravita` tad-delitti li taghhom kien instab hati. Jidher car illi qieset li ghalkemm il-kaz tar-rikorrent kien fi istadju ta` appell, ir-rikorrent kien - skont il-ligi - persuna kkundannata li kienet qeghda tiskonta l-piena imposta mill-Ewwel Qorti ghad-delitti li taghhom kien intab hati. F`dak l-istadju ghalhekk ma kienx kaz ta` detenzjoni prolungata u ngustifikata ta` persuna. Hadet konsiderazzjoni tal-possibilita` tar-reiterazzjoni tar-reati li kieku kellha takkorda l-liberta` provvizorja. Anke ghalhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali ma kenitx konvinta li r-rikorrent kien jaghti affidament illi sejjer joqghod ghal kondizzjonijiet li kienet timponi li kieku akkordatlu l-helsien mill-arrest. U ghalhekk cahdet it-talba tieghu.

Bil-posizzjoni li hadet il-Qorti tal-Appell Kriminali, din il-Qorti ma ssib xejn lesiv ghad-drittijiet tar-rikorrent skond l-Art 5(1) tal-Konvenzjoni. Il-Qorti tal-Appell Kriminali pero` ma waqfitx hemm izda wriet heffa fil-mod kif appuntat, semghet u ddecidiet l-appell tar-rikorrent.

**b)** **<u>allegat ksur tal-Art 5(4) tal-Konvenzjoni</u>**

Ir-rikorrent qieghed jallega illi fil-Qorti ta` l-Appell Kriminali, huwa ma sarx stharrig (*review*) tal-illegalita` tal-arrest tieghu. Ighid illi huwa ma setax jappella mid-digriet tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali fejn kienet michuda t-talba tieghu ghal helsien mill-arrest. L-"iter" tal-procediment kriminali juri li bejn l-2008 u l-2012 ir-rikorrent ghazel li jipprezenta biss darbtejn rikors ghall-helsien mill-arrest. Propju xejn ma kien jipprekludih milli jaghmel aktar talbiet b`mod partikolari fiz-zmien meta t-12-il xahar tal-arrest preventiv kienu ghaddew. Il-

Qorti tosserva illi r-rikorrent mhuwiex jallega li wara d-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-arrest tieghu kien illegali. Qieghed ighid biss illi huwa ma setax jappella mid-digriet.

Ir-referenza li r-rikorrent jaghmel ghall-kawza "**Stephens vs Malta**" ma ssostnix il-pretensjoni tieghu anke ghaliex f`dak il-kaz il-Qorti ta` Strasbourg kienet iddecidiet li ma kienx hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 5(4).

F`decizjoni aktar ricenti tal-Qorti ta` Strasbourg "**Mikalauskas vs Malta**" li kienet deciza fil-23 ta` Lulju 2013, il-Qorti sabet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni pero` ghall-fatt li l-applikant ma kellux *"an effective and speedy remedy"* fic-cirkostanzi tal-kaz tieghu. Dwar il-principji generali ta` l-Art 5(4) il-Qorti qalet :-

*89. Under Article 5 § 4, an arrested or detained person is entitled to bring proceedings for a review by a court bearing upon the procedural and substantive conditions which are essential for the "lawfulness" of his or her detention (see Jecius v. Lithuania, no. 34578/97, § 100, 31 July 2000, ECHR 2000). In particular, the competent court should examine not only compliance with the procedural requirements set out in domestic law, but also the legitimacy of the purpose pursued by the arrest and the ensuing detention (see Garcia Alva v. Germany, no. 23541/94, § 39, 13 February 2001 and Bochev v. Bulgaria, no. 73481/01, § 64, 13 November 2008). The review, being intended to establish whether the deprivation of the individual`s liberty is justified, must be sufficiently wide to encompass the various circumstances militating for or against detention (see Kadem v. Malta, no. 552363/00, § 42, 9 January 2003). The notion of "lawfulness" under Article 5 § 4 of the Convention has the same meaning as in Article 5 § 1, so that the arrested or detained person is entitled to a review of the "lawfulness" of his detention not only in the light of the requirements of domestic law, but also of the Convention, the general principles embodied therein and the aim of the restrictions permitted by Article 5 § 1 (see E. v. Norway, 29 August 1990, § 50, Series A no. 181 and Louled Massoud v. Malta, no. 24340/08, § 39, 27 July 2010).*

*90. According to the Court`s case-law, Article 5 § 4 refers to domestic remedies that are sufficiently certain, otherwise the requirements of accessibility and effectiveness are not fulfilled. The remedies must be made available during a person`s detention with a view to that person obtaining a speedy judicial review of*

*the lawfulness of his or her detention capable of leading, where appropriate, to his or her release (see Kadem, cited above, § 41 and Sadaykov v. Bulgaria, no. 75157/01, § 32, 22 May 2008). In fact, Article 5 § 4, also proclaims the right, following the institution of such proceedings, to a speedy judicial decision concerning the lawfulness of that detention (see Musial v. Poland [GC], no. 24557/94, § 43, ECHR 1999-II).*

Il-Qorti ma ssibx li kien hemm ksur tal-Art 5(4) tal-Konvenzjoni. Kien l-istess rikorrent li dam aktar minn hames xhur mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, sabiex jaghmel rikors ghal helsien mill-arrest. Minkejja d-dewmien tar-rikorrent, li l-istess rikorrent baqa` ma ggustifikax, ir-rikors kien appuntat fil-pront granet wara. Ir-rikorrent ma hax opportunita` ohra li jressaq talba ohra ghall-helsien mill-arrest wara li t-talba tieghu kienet michuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

**2. <u>dwar it-tieni talba</u>**
**[allegat ksur tal-Art 6(1) u (6(2) tal-Konvenzjoni u tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni]**

Ir-rikorrent ighid illi tenut kont tal-motivazzjoni li gab l-Imhallef tal-Qorti tal-Appell Kriminali meta cahad it-talba tieghu il-fatt li kien l-istess Imhallef li mbaghad iddecieda l-mertu tal-appell tieghu kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq billi skond ir-rikorrent dak l-Imhallef kellu *a preformed opinion* dwar il-kaz tieghu u ghalhekk ma kienx imparzjali. Min-naha taghhom l-intimati jissottomettu li l-Qorti kienet imparzjali u ma tressqet l-ebda prova li turi li ma kienx hekk.

Kopjuza hija d-dottrina u l-gurisprudenza li tittratta dawk ic-cirkostanzi fejn nuqqas ta` imparzjalita` igib mieghu ksur tad-dritt ghal smigh xieraq. Il-Qorti sejra tigbor u tirreferi ghall-principji li huma pacifikament akkolti sabiex imbaghad, anke fuq l-iskorta taghhom, tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-istanza tar-rikorrent fil-kawza tal-lum.

Il-partijiet jaghmlu riferenza ghall-element soggettiv u oggettiv fil-konsiderazzjoni tal-indipendenza u tal-imparzjalita` tal-gudikant fil-kuntest tad-dritt ghal smigh xieraq.

Fil-pag 266 ta` ***The European Convention on Human Rights*** (OUP – Fifth Edition – 2010) l-awturi Jacobs, White & Ovey ighidu hekk –

*The Strasbourg Court is concerned both with the subjective and objective elements of independence and impartiality. The subjective element involves an enquiry into whether the personal conviction of a judge in a particular case raises doubts about his or her independence or impartiality. The judge`s lack of bias is presumed unless there is evidence to the contrary and there are exceedingly few cases where subjective bias has been established since in practice such evidence can be very hard to come by. The objective element involves determination of whether in terms of structure or appearance a party`s doubts about the tribunal`s independence and impartiality may be legitimate.*

Fil-pag 782 ta` ***European Human Rights Law*** (OUP - Third Edition – 2008) l-awturi Janis, Kay & Bradley ighidu hekk b`riferenza ghal-ligi Ngliza –

*In Porter vs Magill (2002 2 A.C. 357 at para 103) the House of Lords held that in considering whether the circumstances give rise to a reasonable apprehension that a tribunal was biased, the question is "whether the fair-minded and informed observer having considered the facts would conclude that there was a real possibility that the tribunal was biased". This formulation now provides the ruling test in English law*

Waqt it-trattazzjoni tal-kawza, saret riferenza ghas-sentenza tal-Qorti ta` Strasbourg fil-kawza "**Hauschild v. Denmark**".

Fil-pag 290-291 ta` ***Law of the European Convention on Human Rights*** (OUP – Second Edition – 2009) l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick ighidu hekk :-

*"Impartiality" means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and an objective test : The existence of impartiality for the purpose of Article 6(1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubts in this respect [Hauschild v Denmark A 154 (1989) 12 EHRR 266 para 46] …*

*As to the subjective test, the question is whether it can be shown on the facts that a member of the court "acted with personal bias" against the applicant. In this connection there is a presumption that a judge is impartial, "until there is proof to the contrary" (Kyprianou v Cyprus – 2005-XIII ; 44 EHRR 565 GC) Given this presumption and the need to prove actual bias, it is not surprising that a breach of the subjective test is difficult to establish …*

*The objective test is comparable to the English law doctrine that "justice must not only be done ; it must also be seen to be done". In this context the Court emphasizes the importance of "appearances" (Sramek vs Austria A 84 1984 para 442 ; 7 EHRR 351). As the Court has stated "what is at stake is the confidence which the courts in a democratic sosciety must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused" (Fey vs Austria – A 255 – A 1993 ; 6 EHRR 387 para 30). In applying the objective test, the opinion of the party to the case who is alleging partiality is important but not decisive ; what is crucial is whether the doubt as to impartiality can be objectively justified. If there is a legitimate doubt as to a judge`s impartiality, he must withdraw from the case.*

Fil-pag 162-164 ta` ***A Practictioners` Guide to the European Convention on Human Rights*** (Sweet & Maxwell – Fourth Edition , 2011) Karen Reid tghid hekk –

*The Court has commented that the fact that a judge takes a strong negative view of an applicant`s case or even of its character is not sufficient to disclose bias, and that unduly harsh or oppressive behaviour is not necessarily a reflection of personal prejudice (Ranson vs UK 14180/03 : 02/09/2003) …*

*At higher levels, judges should not be involved in hearing appeals against themselves or have been involved in ruling on the same issues in a different forum. As admissibility of appeal issues may be procedural and unconnected with the merits, it may not offend for a judge, who has already issued a substative decision to sit on the panel deciding leave to appeal. However where most of the members of the appellate or cassation body appear to be redeciding on essentially the same factual issues as they did on an earlier occasion, a problem may arise ; this appears to be a very fine line.*

Fil-pag 614 ta` ***Theory and Pratice of the European Convention on Human Rights*** (Intersentia – Fourth Edition – 2006) l-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak ighidu hekk –

*For impartiality it is required that the court is not biased with regard to the decision to be taken, does not allow itself to be influenced by information from outside the court room, by popular feeling or by any pressure whatsoever, but bases its opinion on objective arguments on the ground of what has been forwarded at the trial.*

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Settembru 2011 fil-kawza "**J.E.M Investments Ltd v. Avukat Generali et**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk –

*id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.*

Ighidu Harris, O`Boyle & Warbrick fil-ktieb **"*Law of the European Convention on Human Rights*"** (op. cit.) **in linea ta` principju** illi *the Court* (u cioe` l-ECHR) *has stressed that "the right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting Article 6(1) of the Convention restrictively"* (*Perez v France – 2004-I ; 40 EHRR 909 para 64 GC*) [ara pag 201]. Ighidu wkoll pero` illi *the Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate … A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of results as of conduct,* ***with national courts being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial***. (enfasi ta` din il-Qorti) [ara pag 202]. U jkomplu li ***in some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of "actual prejudice" to the applicant*** (enfasi ta` din il-Qorti) [ara pag 204]

Fis-sentenza taghha tal-5 ta` Novembru 2013 fil-kawza `**The Republic of Malta v. Ana-Maria Beatrice Ciocanel**` il-Qorti tal-Appell Kriminali (komposta kolleggjalment) qalet hekk –

*"it is a well established principle that as a rule questions relating to fair trial are to be addressed upon an assessment of the trial as a whole and that it is only at the conclusion of such trial that a proper assessment of whether there has been a fair trial can be made."*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha tat-8 ta` Lulju 2004 fil-kawza "**Andrew Ellul Sullivan et. vs L-Avukat Generali et.**" (li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta` Gunju 2008) fejn kien inghad hekk :–

*“Ghar-rigward tal-jedd ta` smigh xieraq minn qorti imparzjali, irid jigi iccarat li meta wiehed jigi biex iqis kif japplika l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni b`rabta mal-Qorti tal-Appell, iridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b`mod illi biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta` smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, maghduda maghhom l-imgiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta` kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess qorti.*

*Jidher li meta quddiem il-Qrati Maltin tqanqlet il-kwestjoni tal-parzjalita` ta` gudikant bhala okkazjoni ta` ksur ta` jedd ghal smigh xieraq, kellu jintwera ghas-sodisfazzjon ta` din il-Qorti li, fil-kaz partikolari, jehtieg jirrizultaw flimkien zewg kwalitajiet ta` parzjalita`, jigifieri dik suggettiva u dik oggettiva. B`tal-ewwel, wiehed jifhem id-dispozizzjoni u konvinciment partikolari tal-gudikant li jkun, u, b`tat-tieni, jekk il-gudikant li jkun kienx jaghti garanziji bizzejjed li jnehhi kull dubju legittimu li l-konvinciment personali tieghu fil-kaz ma kienx wiehed suspett. Minhabba li tezisti l-presunzjoni li gudikant huwa imparzjali sakemm ma jintweriex mod iehor, min jallega l-parzjalita` ta` gudikant irid jipprova tali parzjalita` fil-fatt u mhux biss iqanqal dubju legittimu b`inferenza jew semplici biza`.*

*Huwa stabbilit ukoll li l-fatt wahdu li gudikant jigi msejjah jiddeciedi aktar minn darba wahda kawzi li jolqtu lill-istess persuna mnissilin minn "fatti" differenti, ma jgibx mieghu il-konsegwenza li, hekk kif jaqta` l-ewwel wahda minn tali kawzi, isir "pregudikat" dwar dik il-persuna fir-rigward tal-kawzi li jifdal. Dan jinghad sewwsew b`harsien tal-prezunzjoni fuq imsemmija tal-imparzjalita` tal-gudikant li "se presume jusqu`a la preuve du contraire". Min-naha l-ohra, ghal dak li jirrigwarda t-test oggettiv, wiehed irid jara jekk tirrizultax xi cirkostanza li tnissel fil-parti jew f`mohh il-pubbliku suspett legittimu dwar l-imparzjalita` tal-Qorti. Cirkostanza wahda, fil-qafas tal-process kollu, tista` tkun bizzejjed biex issejjes l-ilment tan-nuqqas ta` imparzjalita``.*

*M`huwiex bizzejjed li l-kriterju ta` imparzjalita` soggettiva jissemma bhala semplici suspett : jehtieg li jkun ippruvat kif imiss. Kulhadd jista` jidhollu suspett li l-gudikant li jkun ta sentenza li l-ezitu taghha ma jintghogobx minn xi parti, sata` ma kienx imparzjali. Imma dan m`huwiex bizzejjed biex iwassal ghas-sejbien ta` cirkostanza ta` imparzjalita` jew ta` smigh xieraq.*

*Biex kumment minn gudikant jitqies li juri xaqlib jew parzjalita` li tikser il-jedd ta` smigh xieraq, jehtieg li jintwera li dak il-kumment ikun imur izjed `il barra mill-limiti ta` apprezzament ghall-mertu li jkun jinsab quddiem dak il-gudikant. Ezempju li jista` jinghata ta` kumment jew rimarka parzjali censurabbli waqt smigh huwa dak fejn, irrispettivament mill-mertu li jkun qieghed jigi mistharreg, il-gudikant jghaddi rimarka li tolqot lill-parti dwar ir-razza, is-sess, it-twemmin jew il-fama u li ma jkollhom x`jaqsmui xejn mal-mertu tal-kawza.*

*Meta gudikant ifisser il-fehma tieghu fil-kitba ta` sentenza jew provvediment li jkun qieghed jaghti, f`dak il-waqt huwa mistenni li jkun wasal ghal xi ghamla ta` konkluzjoni. Fil-mument meta qieghed jaghti s-sentenza huwa mistenni li juri grad ta` konvinzjoni li tkun il-frott ta` deliberazzjoni serena, konsiderazzjoni u studju li jipprecedu l-ghoti ta` dik is-sentenza jew ta` dak il-provvediment. Il-fatt li, mbaghad, is-sentenza tkun minsuga fuq dik il-fehma huwa l-espressjoni konsegwenzjali logika tal-konsistenza li sentenza trid tixhed li thaddan. Izda din il-konvinzjoni murija f`sentenza jew fi provvediment m`hijiex xhieda, wahedha, ta` pregudizzju jew ta` parzjalita` fil-gudikant."*

Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza li l-Qorti ta` Strasbourg tat fit-13 ta` Gunju 2013 fil-kawza "**Romenskiy vs Russia**"(22875/02) fejn inghad hekk :-

*" … The Court reiterates that "[a] tribunal must be subjectively impartial, that is, no member of the tribunal should hold any personal prejudice or bias. Personal impartiality is presumed unless there is evidence to the contrary" (see Padovani v. Italy, 26 February 1993, § 26, Series A no. 257 B, and Daktaras v. Lithuania, no. 42095/98, § 30, ECHR 2000 X). The Court may also employ an objective approach, that is, determine whether the judge offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in respect of his impartiality (see Piersack v. Belgium, 1 October 1982, § 30, Series A no. 53, and Grieves v. the United Kingdom [GC], no 57067/00, § 69, ECHR 2003-XII). The Court is mindful that there is no watertight division between the two notions, and that the same act or statement by a judge may be analysed through the prism of a "subjective" or "objective" test (see Olujić v. Croatia, no. 22330/05, §§ 57 et seq., 5 February 2009). The Court further reiterates that "in maintaining confidence in the ... impartiality of a tribunal, appearances may be important" (Brudnicka and Others v. Poland, no. 54723/00, § 41, ECHR 2005 II). Finally, the Court has always stressed the importance of "national procedures for ensuring impartiality"*

*which are directed, inter alia, "at removing any appearance of partiality and so serve to promote the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public" (see Mežnarić v. Croatia, no. 71615/01, § 27, 15 July 2005, and Huseyn and Others v. Azerbaijan, nos. 35485/05, 45553/05, 35680/05 and 36085/05, § 162, 26 July 2011).*

*27. In general, one of the roles of the trial judge is to manage the proceedings with a view to ensuring the proper administration of justice. It is perfectly normal that a judge may consider and dismiss an application for release lodged by a detained defendant. In doing so the judge is required, under both the Convention and the domestic law, to establish the existence of a "reasonable suspicion" against the defendant. The mere fact that a trial judge has already taken pre-trial decisions in the case, including decisions relating to detention, cannot in itself justify fears as to his impartiality; only special circumstances may warrant a different conclusion (see Hauschildt v. Denmark, 24 May 1989, § 51, Series A no. 154, and Sainte-Marie v. France, no. 12981/87, § 32, 16 December 1992). That being said, while deciding on an application for release lodged by a defendant, the court must not assess whether or not the defendant is guilty (see Gultyayeva v. Russia, no. 67413/01, § 197, 1 April 2010). The court`s role is limited to establishing the state of suspicion, which may be insufficient to prove the defendant`s guilt beyond reasonable doubt, but which connects the defendant, his actions, whereabouts, and so on, to the actus reus of the case. "Suspicion and formal finding of guilt are not to be treated as being the same" (Jasiński v. Poland, no. 30865/96, § 55, 20 December 2005).*"

F`"**<u>Romenskiy vs Russia</u>**" l-applikant kien qed jilment minn ksur tal-Art 6(1) fis-sens li l-gudikant ma kienx imparzjali ghaliex f`digriet fejn cahad it-talba ghall-helsien mill-arrest kien qal - *"[The application for release should be dismissed] on the ground that the applicant **has committed a serious crime**, he has not produced any document that would prove [that there exists] a danger to his life or health".* Dan kien digriet li nghata meta l-proceduri kriminali fil-konfront tal-applikant ma kienux ghadhom bdew u l-Qorti ta` Strasbourg sabet illi kien hemm vjolazzjoni ghaliex hemm il-gudikant esprima ruhu dwar l-kolpevolezza tal-applikant qabel ma kienu bdew il-proceduri fil-konfront tieghu. Dan huwa **<u>l-fatt rilevanti u</u>** **<u>determinanti</u>** li jaghmel il-fattispeci tal-kaz ta` "**<u>Romenskiy</u>**" differenti minn dak tal-lum ghaliex f`tal-lum ir-rikorrent talab il-helsien mill-arrest it-tieni darba mhux meta kien suspettat izda meta diga` kien hemm sentenza fl-ewwel grad ta` gudizzju.

Il-Qorti irreferiet propju ghal din id-decizjoni, ghaliex ir-rikorrent qieghed jissottometti li huwa ddubita mill-imparzjalita` tal-Imhallef tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali ghaliex fid-digriet tieghu tac-cahda tal-helsien mill-arrest qal - *"… minn naha l-ohra ma tistax twarrab is-serjeta` tar-reat li tieghu instab hati u t-theddida tieghu lejn is-socjeta li ghandha dritt tkun protetta mir-reati li taghhom jinsab hati. Il-Qorti jidhrilha li darba mehlus hemm possibilita kbira li r-rikorrent jerga jikkommetti xi reat iehor."* Ir-rikorrent jilmenta li bil-frazi *"jinsab*

*hati"* u bil-frazi *"jerga` jikkommetti reat iehor"* - l-Imhallef kien qed juri li huwa kellu *preformed opinion* meta wasal biex jaghti s-sentenza dwar il-mertu tal-appell. Din il-Qorti ma tarax illi b`li inghad fid-digriet in kwistjoni kien hemm *bias* jew *pre-formed opinion* u terga` tinsisti li l-fatti ta` "**Romenskiy"** ma jghoddux ghall-kaz taht ezami. Diversament minn dak il-kaz, meta l-Qorti ta` l-Appell Kriminali fil-kaz tal-lum giet biex tqis ir-rikors tar-rikorrent, hija kellha diga` quddiemha s-sentenza tal-Ewwel Qorti li sabet lir-rikorrent hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta` prigunerija. Il-fatt li kien l-istess Imhallef li ddekreta r-rikors u li sema` l-appell mhuwiex vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq. Il-motivazzjoni wara c-cahda tar-rikors bl-ebda mod ma hija prova li l-Imhallef kien pregudikat kontra r-rikorrent. Anzi l-motivazzjoni segwiet il-kriterji li huma stabbiliti fil-ligi stess.

Skond l-element soggettiv, l-imparzjalita` tal-Imhallef hija prezunta sakemm ma jkunx ippruvat il-kuntrarju. Fil-kaz tal-lum ma tirrizulta l-ebda prova li ssostni l-element soggettiv – lanqas il-kontenzjoni – din il-Qorti tghid – infondata tar-rikorrent – illi huwa kien jaf a priori l-ezitu tal-appell tieghu. In kwantu ghall-element oggettiv, din il-Qorti ma ssib propju xejn fl-imgieba tal-Imhallef sedenti fl-appell tar-rikorrent li tiggustifika l-pretensjoni tieghu. Din il-Qorti m`ghandha propju l-ebda dubju legittimu dwar il-komportament tal-Imhallef sedenti.

Il-Qorti tirrileva illi ghalkemm ir-rikorrent ilmenta b`li qal l-Imhallef fid-digriet, ma jsemmi xejn avvers dwar is-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell Kriminali li cahdet l-appell tieghu. Jilmenta biss li s-sentenza nghatat fi zmien qasir wisq ! Fil-fatt din il-Qorti ezaminat is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali u ssib li dik id-decizjoni taghha kienet ben motivata tenut kont tal-provi akkwiziti u tal-aspetti ta` dritt. Minn qari akkurat tal-istess sentenza, il-Qorti ma ltaqghet ma` l-ebda fatt jew cirkostanza li jnissel fiha mqar suspett illi l-Imhallef sedenti seta` kien b`xi mod parzjali jew pregudikat fil-mod kif ittratta mar-rikorrent. Il-Qorti tirrafferma l-principju illi sabiex kumment ta` gudikant jitqies li huwa parzjali hemm bzonn li ssir il-prova li dak il-kumment kien qed imur oltre l-apprezzament tal-mertu. Ma jirrizultax li hekk kien il-kaz tal-lum. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-intimati illi meta fid-digriet il-Qorti ta` l-Appell Kriminali wzat il-kelma *"hati"*, hija kienet kjarament qeghda qed tirreferi ghas-sentenza ta` htija li kienet tat l-Ewwel Qorti u mhux ghaliex l-Qorti ta` l-Appell Kriminali kienet diga` pregudikata favur il-htija tar-rikorrent.

Din il-Qorti ma tara l-ebda *actual prejudice* fil-mod kif il-Qorti tal-Appell Kriminali ttrattat mar-rikorrent. Anzi din il-Qorti ssostni illi dik il-Qorti ttrattat mar-rikorrent korrettement u skond il-ligi, u fl-agir taghha ma ghamlet xejn lesiv ghall-jedd tar-rikorrent ghal smigh xieraq kif protett mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni. Fil-kaz tal-lum ma jirrizultax illi kien hemm nuqqas ta` imparzjalita` soggettiva jew oggettiva.

Ir-rikorrent jilmenta wkoll illi quddiem l-Ewwel Qorti, ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u l-ufficjal prosekutur rriferew ghar-rikorrent b`mod dispreggjattiv u li dik l-attitudini kienet tqajjem dubji serji dwar kemm ir-rikorrent kien tassew ittrattat b`mod imparzjali.

Dwar dawn il-kummenti, il-Qorti rat l-atti kollha li gew pprezentati bhala prova fil-kawza tal-lum.

Jirrizulta illi referenza ghar-rikorrent bhala "*iswed*" jew "*kollha ta` wicc wiehed*" saru f`dawn ic-cirkostanzi :–

(fol 45) :

*"U jiena ddecidejt li ma naghmilx rapport ghax hsibt li l-pulizija mhux ser jgharfuh ghax dawk kollha wicc wiehed. U jiena ma kontx naf min hu."*

(fol 73) :

*"Le, le jien l-ewwel ma grali, jien tkellimt maghha u ghidtilha l-affarijiet li gara lil, ghidtilha gie iswed …"*

(fol 81) :

*" … dahal u rajt lil dan ir-ragel jiena l-iswed hiereg …"*

(fol 82) :

Mistoqsija jekk qed taghraf lil imputat tghid *"Lil dan ir-ragel l-iswed li hawn fejn l-iehor."*

Din il-Qorti hija tal-fehma illi huwa tassew ingust u rragonevoli li xi hadd jittenta li jestrapola kelma barra mill-kuntest li tkun tlissnet sabiex jipprova jallega vjolazzjoni. Dawn il-brani kienu kollha parti minn traskrizzjoni ta` xiehda li saret quddiem l-Ewwel Qorti u allura wiehed ghandu jqishom fil-kuntest tal-mistoqsijiet u risposti li kienu qeghdin isiru. Din il-Qorti qrat it-traskrizzjonijiet u kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrent, ma ssib li dak li nghad kien espress b`mod jew bi hsieb dispregjattiv ghar-rikorrent. Mill-atti tal-proceduri kriminali, ma jidher fl-ebda mument illi kien hemm xi trattament parzjali jew negattiva fil-konfront tar-rikorrent. Ghalhekk din l-allegazzjoni tar-rikorrent hija respinta.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tilqa` l-eccezzjoni kollha tal-intimati.**

**Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.**

**Tikkundanna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------